

Rapport Speċjali

Il-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji

Jinġtiegħ impetu strateġiku għdid



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I - X
Introduzzjoni	01 - 12
Batteriji bħala faċilitaturi ewlenin tal-mobbiltà elettrika u t-tranżizzjoni tal-enerġija	01 - 04
L-industrija tal-batteriji tal-UE għadha lura fil-kompetizzjoni globali	05 - 07
Ir-rwol tal-partijiet ikkonċernati tal-UE fl-appoġġ tal-katina tal-valur tal-batteriji	08
L-appoġġ finanzjarju mill-Istati Membri għall-produtturi tal-batteriji huwa suġġett għar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat	09 - 12
Ambitu u approċċ tal-awditjar	13 - 17
Osservazzjonijiet	18 - 83
L-istrateġija tal-Kummissjoni għall-batteriji hija rilevanti għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati Ewropej, minkejja n-nuqqasijiet fil-monitoraġġ	18 - 38
Il-pjan ta' azzjoni tal-2018 huwa r-riżultat tal-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-politika industrijali tal-UE għall-batteriji mill-2015 'il hawn	19 - 22
Il-pjan ta' azzjoni huwa appoġġat mill-industrija Ewropea tal-karozzi u tal-enerġija u huwa ġeneralment konformi ma' strateġiji simili fl-Istati Membri	23 - 25
L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni wasslet strumenti ewlenin b'appoġġ għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE	26 - 29
Il-Kummissjoni qed timmonitorja l-katina tal-valur tal-batteriji abbażi ta' <i>data</i> limitata u spiss mhux aġġornata	30 - 34
Il-valutazzjoni tal-kontribut tal-batteriji Ewropej għall-għanijiet tan-newtralità klimatika għadha diffiċli	35 - 38
Il-produzzjoni tal-batteriji fl-UE hija proġettata li tiżdied rapidament sal-2030 iżda tiffaċċja nuqqas imminenti ta' materja prima	39 - 56

Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji tal-UE tista' tiżdied minn 44 GWh fl-2020 sa 1 200 GWh sal-2030	40 - 46
L-użu tal-kapaċità proġettata tal-produzzjoni tal-batteriji jibqa' suġġett għal riskji sinifikanti	47
L-awtosuffiċjenza fil-materja prima ewlenija tal-batteriji u fil-kapaċità ta' raffinar hija baxxa ħafna	48 - 50
Il-produzzjoni Ewropea tal-batteriji tiffaċċja nuqqas globali imminenti ta' materja prima ewlenija	51 - 54
Il-Kummissjoni qed tfittex approċċ ġdid biex tiżgura l-provvista ta' materjali tal-batteriji	55 - 56
Il-finanzjament pubbliku tal-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji huwa kkoordinat b'mod insuffiċjenti, jiddependi mill-post, u r-riżultati tiegħu ma jilħqux l-ambizzjonijiet	57 - 83
In-nuqqas ta' stampa ġenerali mill-Kummissjoni dwar il-flussi ta' ħruġ reali tal-finanzjament tal-UE u l-finanzjament nazzjonali jfixkel il-koordinazzjoni	58 - 64
L-IPCEIs dwar il-batteriji jirrappreżentaw interess Ewropew komuni, iżda l-aċċess għall-finanzjament ivarja minn Stat Membru għal ieħor	65 - 69
Il-Kummissjoni tejbet l-allinjament tal-finanzjament tagħha għar-riċerka dwar il-batteriji taħt Orizzont ma' pjan direzzjonali teknoloġiku	70 - 75
L-isforz tar-R&I ffinanzjat mill-UE mhuwiex jilħaq l-ambizzjonijiet tiegħu	76 - 79
Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet maniġerjali nazzjonali spiss ma jivvalutawx il-ħtieġa għal finanzjament tal-UE għar-riċerka dwar it-teknoloġiji tal-batteriji	80 - 83
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	84 - 90

Annessi

Anness I – Kampjun ta' proġetti ffinanzjati mill-UE fil-katina tal-valur tal-batteriji li ġew eżaminati għal dan l-awditu

Anness II – Analiżi mwettqa mill-QEA fir-rigward tal-azzjonijiet magħżula fil-pjan ta' azzjoni strateġiku tal-2018 dwar il-batteriji

Anness III – Kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji għal kull Stat Membru: attwali (2022) u ppjanata (2025 u 2030) (f'GWh/sena)

Anness IV – Il-finanzjament tal-UE u l-finanzjament nazzjonali tal-katina tal-valur tal-batteriji

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

Sommarju eżekuttiv

I L-iżvilupp u l-produzzjoni tal-batteriji saru imperattiv strateġiku għall-UE, filwaqt li jippermettu t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u huma komponent ewlieni tal-kompetittività tas-settur tal-karozzi. Biex tgħin lill-UE ssir mexxejja globali fil-produzzjoni u fl-użu sostenibbli tal-batteriji, fl-2018 il-Kummissjoni ppubblikat pjan ta' azzjoni strateġiku dwar il-batteriji. Huwa jkopri l-istadji differenti tal-katina tal-valur, jidentifika għadd ta' għanijiet strateġiċi u jipproponi firxa ta' għodod biex dawn jintlaħqu.

II F'dan l-awditu, ivvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx effettiva fil-promozzjoni ta' politika industrijali Ewropea dwar il-batteriji. B'mod partikolari, eżaminajna l-oġettivi ta' politika u l-għodod ta' intervent stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni tal-2018 tal-Kummissjoni kif ukoll il-progress fl-implimentazzjoni tiegħu. Minbarra dan, irrieżaminajna l-kapaċità attwali u dik proġettata tal-produzzjoni tal-batteriji fl-UE, flimkien mar-riskji li jistgħu jaffettwawha. Fl-aħħar nett, eżaminajna l-allokazzjoni u r-risultati li nkisbu bl-appoġġ finanzjarju tal-UE. Ħames snin wara t-tnedija tal-pjan ta' azzjoni, dan ir-rapport għandu l-għan li jikkontribwixxi għat-titjib tal-qafas ta' politika u għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi tal-UE f'dan il-qasam.

III B'mod ġenerali, nikkonkludu li l-promozzjoni mill-Kummissjoni ta' politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji kienet effettiva, minkejja nuqqasijiet fil-monitoraġġ, fil-koordinazzjoni u fl-immirar, kif ukoll il-fatt li l-aċċess għall-materja prima jibqa' sfida strateġika ewlenija għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE.

IV Sibna li l-Kummissjoni fil-biċċa l-kbira wettqet l-azzjonijiet l-aktar sinifikanti fil-pjan ta' azzjoni tagħha, u stabbiliet strumenti ewlenin b'appoġġ għas-settur tal-batteriji. Kisbiet importanti jinkludu l-ħolqien ta' pjattaformi għall-partijiet ikkonċernati li jinkludu l-katina tal-valur kollha, proposta leġiżlattiva għal regolament ġdid dwar il-batteriji, u appoġġ finanzjarju akbar għall-proġetti ta' riċerka, innovazzjoni u manifattura.

V Il-Kummissjoni qed timmonitorja l-katina tal-valur tal-batteriji fl-UE abbażi ta' *data* limitata u spiss mhux aġġornata. Minbarra dan, il-pjan ta' azzjoni tal-2018 ma stabbilix miri kwantifikati u marbuta biż-żmien, u l-Kummissjoni ma analizzatx il-produzzjoni tal-batteriji tal-UE li hija meħtieġa biex jintlaħaq l-għan doppju tan-newtralità klimatika u li jinżamm settur kompetittiv tal-karozzi fl-UE. Dan iżid ir-riskju li l-għan ta' emissjonijiet żero għall-2035 tal-Kummissjoni ma jintlaħaqx minħabba produzzjoni insuffiċjenti tal-batteriji, jew li dan jintlaħaq fuq il-bażi ta' batteriji jew vetturi elettriċi importati, għad-detriment tal-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE u l-impjegi assoċjati. Huwa jżid ukoll l-inċertezza dwar is-sigurtà tal-provvista tal-materja prima meħtieġa biex issostni l-produzzjoni fl-UE.

VI Xprunata minn standards dejjem aktar stretti ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂, il-kapaċità tal-produzzjoni taċ-ċelluli tal-batteriji tal-joni tal-litju qed tiżviluppa rapidament fl-EU-27 u tista' tiżdied minn 44 gigawatt-siegħa fl-2020 għal madwar 1 200 sal-2030. Madankollu, l-użu reali ta' tali kapaċità mhuwiex żgurat u jista' jitqiegħed f'riskju minħabba fatturi ġeopolitiċi u ekonomiċi.

VII Minkejja l-inizjattivi ta' politika li jmorru lura għall-2008, il-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE tibqa' tiddependi ħafna fuq il-provvisti barra mit-territorju tal-UE. Mill-2030 'il quddiem, il-manifatturi tal-UE se jiffaċċjaw nuqqas imminenti ta' materja prima tal-batteriji. Dan huwa minħabba l-effetti kkombinati ta' żieda fid-domanda globali, xprunata l-aktar mill-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq u l-limitazzjonijiet tal-provvista domestika tal-UE ta' materja prima, li hija kemm skarsa kif ukoll riġida. Fl-2023, il-Kummissjoni gēddet l-isforzi biex tindirizza din is-sitwazzjoni billi ħarġet il-proposta tagħha għal Att dwar il-Materja Prima Kritika.

VIII Bosta flussi ta' finanzjament jappoġġaw proġetti ġodda ta' riċerka u manifattura tal-batteriji. Matul il-perjodu 2014-2020, il-baġit tal-UE pprovdha mill-inqas EUR 1.7 biljun f'għotjiet u garanziji għal self, li jżidu mal-għajjnuna mill-Istat f'ammont li jilħaq sa EUR 6 biljun bejn l-2019 u l-2021. Madankollu, il-Kummissjoni ma għandhiex stampa ġenerali tal-appoġġ pubbliku totali mogħti lill-industrija, u dan ifixkel l-abbiltà tagħha li tiżgura koordinazzjoni u mmirar adegwati. Sibna wkoll li l-kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni jiddependu mill-post tal-investimenti.

IX Matul iż-żmien, il-Kummissjoni tejbet l-allinjament tal-finanzjament permezz tal-programmi ta' finanzjament ewlenin tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont – bi pjan direzzjonali teknoloġiku komuni. Madankollu, il-miri tekniċi stabbiliti għadhom ma ntlaħqux u l-ħtieġa għal finanzjament tal-UE fil-livell tal-proġetti mhijiex ivvalutata b'mod sistematiku.

X Fuq il-bażi ta' dawn il-konklużjonijiet, nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- taġġorna l-pjan ta' azzjoni strateġiku dwar il-batteriji, b'fokus partikolari fuq l-iżgurar tal-aċċess għall-materja prima;
- issaħħaħ il-monitoraġġ b'*data* regolari, aġġornata u komprensiva;
- ittejjeb l-istampa ġenerali tal-finanzjament tal-UE għall-katina tal-valur tal-batteriji;
- ittejjeb il-koordinazzjoni u l-immirar tal-finanzjament tal-UE għall-katina tal-valur tal-batteriji;
- tiżgura li l-parteciċipanti kollha fi Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni dwar il-batteriji jkollhom kundizzjonijiet ekwivalenti fl-aċċess għall-appoġġ finanzjarju pubbliku.

Introduzzjoni

Batteriji bħala faċilitaturi ewlenin tal-mobbiltà elettrika u t-tranżizzjoni tal-enerġija

01 Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jittrasforma l-UE f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050¹. L-għan tan-newtralità klimatika jinvolti aktar dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u tnaqqis kbir fl-emissjonijiet tat-trasport sal-2050. Fost affarijiet oħra, dan jirrikjedi l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi fl-UE kollha: minn 13-il miljun karozza sal-2025 għal 30 miljun sal-2030². Barra minn hekk, mill-2035 'il quddiem, il-bejgħ ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief li jużaw magni tal-kombustjoni li jemettu s-CO₂ x'aktarx li se jiġi pprojbit³.

02 Il-batteriji huma waħda minn diversi teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija, iżda huma l-aktar disponibbli faċilment għall-mobbiltà elettrika mil-lat teknoloġiku. Minħabba dan il-kuntest, il-Kummissjoni ddeżinjat l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-batteriji bħala imperattiv strateġiku għall-Ewropa: dan jippermetti t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa (inkluż il-ħżin tal-enerġija rinnovabbli intermittenti) u huwa komponent ewlieni tal-kompetittività tas-settur tal-karożżi tagħha⁴ – li attwalment jimpjega madwar 3.5 miljun ħaddiem f'attivitajiet ta' manifattura⁵. Jenħtieġ li l-investimenti fil-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE jindirizzaw ukoll id-dipendenza strateġika attwali fuq il-produtturi tal-batteriji barra mit-territorju tal-UE⁶.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, [COM\(2019\) 640](#).

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, [COM\(2020\) 789](#).

³ L-Artikolu 1 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karożżi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, [COM\(2021\) 556](#).

⁴ L-Anness 2 ta' [COM\(2018\) 293](#), Pjan ta' Azzjoni Strateġiku dwar il-Batteriji.


⁵ L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Vetturi (ACEA) – [The Automobile Industry – Pocket Guide 2022/2023](#).

⁶ Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar id-dipendenzi u l-kapaċitajiet strateġiċi, [SWD\(2021\) 352](#).

03 Il-batteriji huma ċelluli elettrokimiċi li jaħżnu l-enerġija f'forma kimika u jistgħu jikkonvertuha f'enerġija elettrika. Ċellula tal-batterija tipikament tinkludi anodu, katodu, elettrolit u separator, bl-użu ta' kimiċi differenti, bħaċ-ċomb u l-aċidu kif ukoll in-nikil u l-kadmju. Il-batteriji tal-joni tal-litju, li attwalment huma l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku fit-tħaddim ta' vetturi elettriki, tipikament jużaw taħlita ta' ħames materjali ewlenin: il-kobalt, il-litju, il-manganiż, il-grafit naturali u n-nikil.

04 Il-katina tal-valur tal-batterija tinkludi bosta stadji li jvarjaw mill-estrazzjoni u r-raffinar tal-materja prima, il-produzzjoni tal-komponenti tal-batteriji, il-manifattura u l-assemblaġġ taċ-ċelluli, u r-riċiklaġġ tal-batteriji jew l-adattament tagħhom għal skop differenti. Il-katina hija ċirkolari u tinvolvi partijiet ikkonċernati differenti (ara l-[Figura 1](#)).

Figura 1 – L-istadji tal-katina tal-valur tal-batteriji



Sors: il-QEA.

L-industrija tal-batteriji tal-UE għadha lura fil-kompetizzjoni globali

05 Il-flotta tal-UE ta' karożżi tal-passiġġieri u vannijiet qiegħda gradwalment issir elettrifikata. Fl-2021, 18 % tar-reġistrazzjonijiet il-ġodda kellhom plug tal-elettriku⁷. Madankollu, il-manifattura tal-batteriji tal-joni tal-litju li tipikament iħaddmu vetturi ta' dan it-tip attwalment hija kkonċentrata fl-Asja u tibni fuq l-istorja tagħha ta' deċennji bħala fornitur globali ta' tagħmir u komponenti elettroniċi. L-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) assoċjat mal-produzzjoni fuq skala kbira ppermetta wkoll li l-Asja tibni u żżomm, sa issa, it-tmexxija teknoloġika kemm fil-joni tal-litju kontemporanji kif ukoll f'teknoloġiji oħra tal-batteriji⁸.

06 Iċ-Ċina b'mod partikolari saret bil-bosta l-akbar produttur tal-batteriji fid-dinja. Fl-2021, iċ-Ċina kellha kapaċità tal-produzzjoni ta' 655 gigawatt-siegħa (GWh), jew 76 % tal-kapaċità globali, ferm aktar mill-UE (7 %), l-Istati Uniti (7 %) u l-Korea t'Isfel (5 %)⁹. Barra minn hekk, iċ-Ċina hija wkoll l-attur dominanti fl-istadji upstream tal-katina tal-valur, notevolment il-provvista ta' diversi tipi ta' materja prima u/jew ta' materjali raffinati tal-batteriji, b'mod partikolari l-kobalt, il-litju, in-nikil u l-grafit naturali (ara l-paragrafi 29 u 48-56).

07 Għalkemm l-elettrifikazzjoni tal-flotot tat-toroq fl-Istati Uniti għadha lura (630 000 vettura elettrika mibjugħa fl-2021 fl-Istati Uniti, 5 % tal-bejgħ f'dik is-sena, meta mqabbla ma' 2.3 miljun fl-Ewropa (18 %) u 3.3 miljun fiċ-Ċina (16 %))¹⁰, il-Gvern tal-Istati Uniti ppromulga politiki pubbliċi sinifikanti, bħal għotjiet diretti u krediti tat-taxxa, biex jippromwovi t-tkabbir kemm tas-suq tal-vetturi elettriċi kif ukoll tal-katina tal-valur tal-batteriji. L-aktar notevolment, il-Gvern tal-Istati Uniti qed jipprovdi:

- o għotjiet diretti b'appoġġ ta' investimenti fil-produzzjoni domestika tal-batteriji kif ukoll il-materjali u l-komponenti relatati (USD 6 biljun li għandhom jiġu ffinanzjati mil-Liġi dwar l-Infrastruttura Bipartiġġjana bejn l-2022 u l-2026¹¹);

⁷ L-ACEA – [The Automobile Industry – Pocket Guide 2022-2023](#).

⁸ Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, [Batteries – Technology development report](#), 2020.

⁹ L-AIE (2022), [Global Supply Chains of EV Batteries](#).

¹⁰ L-AIE (2022), [Global EV Outlook 2022](#), u l-AIE (2022), [Electric Vehicles](#).

¹¹ Public Law 117–58 “Infrastructure Investment and Jobs Act”, it-Taqsima 40207.

- o krediti tat-taxxa għall-produzzjoni ta' ċelluli jew moduli tal-batteriji f'ammont li jilħaq sa USD 45 għal kull kilowatt-siegħa (kWh) u 10 % tal-kost tal-produzzjoni ta' minerali u materjali kritiċi għall-batteriji (awtorizzati mill-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni)¹², b'impatt baġitarju ġenerali stmat, inklużi wkoll krediti simili għall-komponenti solari u eoliċi, ta' madwar USD 15.9-il biljun¹³ matul il-perjodu 2022-2031);
- o krediti tat-taxxa f'ammont li jilħaq sa USD 7 500 għal kull vettura elettrika mqiegħda fis-suq tal-Istati Uniti li tissodisfa sollijiet predefiniti li jirrikjedu li l-materjali, il-komponenti u l-assemblaġġ finali jinkisbu mill-Istati Uniti jew isiru hemmhekk, jew f'pajjiż li miegħu ikollhom ftehim ta' kummerċ ħieles. Dawn il-krediti tat-taxxa għandhom jiġu ffinanzjati mill-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni¹⁴ b'impatt baġitarju totali stmat ta' madwar USD 7.5 biljun¹⁵ matul il-perjodu 2022-2031.

Ir-rwol tal-partijiet ikkonċernati tal-UE fl-appoġġ tal-katina tal-valur tal-batteriji

08 L-UE tintervieni fil-katina tal-valur tal-batteriji fi tliet oqsma ewlenin:

- o **Tmexxija strateġika:** permezz tal-komunikazzjonijiet tagħha dwar il-politika industrijali¹⁶, il-Kummissjoni tipprovdi viżjoni ta' kif l-industrija tal-UE tista' tiġi ggwidata fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, filwaqt li tiżgura s-sovranià strateġika tagħha. Il-politika tipprovdi wkoll fokus ġdid fuq l-ekosistemi industrijali filwaqt li tiegħu kont tal-atturi kollha f'katina tal-valur – fil-każ tal-batteriji dan ġie kkonkretizzat fil-pjan ta' azzjoni strateġiku tal-2018 dwar il-batteriji (minn hawn

¹² Public Law 117-169 amending the Internal Revenue Code, it-Taqsima 13502 – Advanced Manufacturing Production Credit.

¹³ L-Uffiċċju tal-baġit tal-kongress, “Estimated Budgetary Effects of Public Law 117-169”.

¹⁴ Public Law 117-169 amending the Internal Revenue Code, it-Taqsima 13401 – Clean Vehicle Credit.

¹⁵ L-Uffiċċju tal-baġit tal-kongress, “Estimated Budgetary Effects of Public Law 117-169”.

¹⁶ Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti, COM(2023) 62, kif ukoll id-dokumenti preċedenti: Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa, COM(2020) 102, u Ninvestu f'Industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli - Strateġija mġedda għall-Politika Industrijali tal-UE, COM(2017) 479.

‘il quddiem imsejjaħ “pjan ta’ azzjoni”)¹⁷. It-tmexxija strateġika hija eżerċitata wkoll mill-Kummissjoni, meta tuża s-setgħa tagħha li tlaqqa’ biex tippromwovi l-għbir tal-partijiet ikkonċernati tul il-katina tal-valur f’fora ddedikati, bħall-Alleanza Ewropea tal-Batteriji.

- **Qafas regolatorju:** Id-Direttiva 2006/66/KE¹⁸ dwar batteriji u skart ta’ batteriji għandha primarjament l-għan li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-batteriji, billi tistabbilixxi regoli għat-tqegħid tagħhom fis-suq (b’mod partikolari, billi tipprojbixxi ċerti sustanzi perikolużi) u regoli għall-għbir, ir-riċiklaġġ u r-rimi tagħhom. L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw miri minimi għall-għbir u r-riċiklaġġ u jirrapportaw dwar l-ilħuq tagħhom lill-Kummissjoni. Id-Direttiva mistennija tiġi sostitwita b’[Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill](#)¹⁹, li se jkollu kamp ta’ applikazzjoni usa’ (ara l-paragrafu 28). Barra minn hekk, f’Marzu 2023, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ proposti għal regolamenti li għandhom l-għan li jinnovaw u jżidu l-kapaċità tal-manifattura Ewropea ta’, fost l-oħrajn, il-batteriji²⁰, u li jiżguraw provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika²¹. Minbarra dan, il-proposta tal-Kummissjoni tal-2022 għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (id-Direttiva 2010/75/UE)²² tinkludi estensjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tagħha għall-fabbriki tal-batteriji.
- **appoġġ finanzjarju mill-UE:** permezz ta’ diversi strumenti – il-programmi qafas Orizzont, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) operat mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u aktar reċentement il-Fond għall-Innovazzjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) – l-UE tipprovdi għotjiet u garanziji għal self għall-proġetti ta’ riċerka, dimostrazzjoni u manifattura fil-qasam tal-batteriji. Għall-perjodu 2014-2020, identifikajna għotjiet tal-UE li jammontaw għal total ta’ EUR 1.2 biljun u self

¹⁷ L-Anness 2 ta’ [COM\(2018\) 293](#), Pjan ta’ Azzjoni Strateġiku dwar il-Batteriji.

¹⁸ Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta’ batteriji u ta’ akkumulaturi.

¹⁹ Il-Proposta għal Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta’ batteriji, [COM\(2020\) 798](#).

²⁰ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ qafas ta’ miżuri għat-tiżni tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta’ prodotti ta’ teknoloġija b’emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b’Emissjonijiet Żero Netti), [COM\(2023\) 161](#).

²¹ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika, [COM\(2023\) 160](#).

²² Il-Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali u d-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta’ skart f’landfill, [COM\(2022\) 156](#).

appoġġat mill-UE ta' EUR 495 miljun. L-għotjiet tal-UE jistgħu jew jiġu mmaniġġjati direttament mill-Kummissjoni jew mill-aġenziji eżekuttivi tagħha, jiġifieri l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (il-programmi Orizzont); jew flimkien mal-Istati Membri (FEŻR).

L-appoġġ finanzjarju mill-Istati Membri għall-produtturi tal-batteriji huwa suġġett għar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat

09 Bħala regola, l-Istati Membri huma pprojbiti milli jagħtu għajnuna lill-impriżi – bħal manifatturi fil-katina tal-valur tal-batteriji – li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni fis-suq intern²³. Minkejja dan il-prinċipju, ċerti forom ta' għajnuna jistgħu jitqiesu kompatibbli mas-suq intern, dment li dawn jikkonformaw ma' regoli speċifiċi dwar l-għajnuna mill-Istat u, f'ċerti każijiet, jirċievu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

10 Il-Kummissjoni tagħti aktar dettalji dwar dawn l-eċċezzjonijiet fir-regolamenti u fil-komunikazzjonijiet, inkluż ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija²⁴, u f'oqfsa speċifiċi applikabbli għal ċerti attivitajiet, reġjuni jew ċirkustanzi temporanji. Fi ħdan dawn l-oqfsa, il-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs)²⁵ huma partikolarment rilevanti: sa issa żewġ proġetti bħal dawn fil-qasam tal-batteriji ġew approvati mill-Kummissjoni, u ġie awtorizzat ammont li jilħaq sa EUR 6 biljun f'għajnuna mill-Istat (ara l-paragrafi [65-69](#)).

11 F'Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat qafas temporanju ta' għajnuna mill-Istat²⁶ biex iżżid l-ambitu għall-appoġġ pubbliku fil-kuntest tal-COVID-19, sabiex jiġu protetti l-impjiegi u tiġi appoġġata l-ekonomija. F'Marzu 2022, b'rispons għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-Kummissjoni llaxkat aktar ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat biex tipprovdi għajnuna fuq terminu qasir għall-kumpaniji affettwati mill-kriżi, jew mis-sanzjonijiet u l-kontrosanzjonijiet. Filwaqt li dawn l-oqfsa mhumiex speċifiċi għal

²³ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 107.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 651/2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

²⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni [C\(2021\) 8481](#).

²⁶ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 [C\(2020\) 1863](#).

dan is-settur, jistgħu jintużaw ukoll mill-produtturi tal-batteriji b'appoġġ għall-attivitajiet tagħhom.

12 Minbarra dan, mill-2022, il-maġġoranza tal-Istati Membri tal-EU-27 kienu stabbilew xi forma ta' inċentivi għax-xiri ta' vetturi elettriċi, kemm fil-forma ta' benefiċċji tat-taxxa jew sussidji diretti. Madankollu, tipikament, dawn mhumieq dipendenti fuq l-orijini tal-vettura u mhux neċessarjament ikunu jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

13 Dan ir-rapport jivvaluta jekk il-Kummissjoni kinitx effettiva fil-promozzjoni ta' politika industrijali Ewropea dwar il-batteriji. Għal dan il-fini, eżaminajna:

- o ir-rilevanza tal-obiettivi ta' politika u l-għodod ta' intervent stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni, il-konsistenza tagħhom mal-istrateġiji nazzjonali, u l-azzjonijiet ewlenin li twettqu sa issa mill-Kummissjoni;
- o il-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-katina tal-valur tal-batteriji u tal-potenzjal tagħha li tikkontribwixxi għal għanijiet klimatiċi usa' tal-UE;
- o il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-batteriji bbażata fl-UE, kemm attwali kif ukoll dik proġettata sal-2030, flimkien mar-riskji li jaf ikollhom impatt fuq dik il-kapaċità futura;
- o fuq il-bażi tad-*data* disponibbli, is-sigurtà tal-provvista ta' materja prima ewlenija u ta' materjali raffinati ewlenin għall-batteriji;
- o l-allokazzjoni u l-koordinazzjoni tal-flussi differenti ta' finanzjament tal-UE u finanzjament nazzjonali li pprovdew appoġġ finanzjarju għall-katina tal-valur tal-batteriji matul il-perjodu 2014-2020; u
- o il-ħtieġa għal riċerka ffinanzjata mill-UE f'dan is-settur, il-prijoritizzazzjoni teknoloġika tagħha, u r-riżultati li nkisbu sa issa.

14 Analizzajna evidenza minn firxa ta' sorsi:

- o rieżamijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti, ir-rapporti ta' evalwazzjoni u d-dokumenti ta' politika;
- o intervisti ma' uffiċjali mill-Kummissjoni Ewropea, mill-aġenziji eżekuttivi tagħha responsabbli għall-ġestjoni tal-programmi Orizzont, u mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali rilevanti għall-katina tal-valur tal-batteriji fil-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja, il-Portugall u l-Iżvezja – l-Istati Membri fejn kienu qed jiġu implimentati proġetti b'appoġġ finanzjarju materjali mill-baġit tal-UE, jew b'rilevanza fi stadji partikolari tal-katina tal-valur, jiġifieri l-estrazzjoni tal-materja prima u l-manifattura tal-batteriji;

- o intervisti ma' rappreżentanti ta' kumpaniji industrijali u istituzzjonijiet ta' riċerka attivi fil-katina tal-valur tal-batteriji, kif ukoll mal-Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni²⁷ ddedikata għall-enerġija sostenibbli (EIT Innoenergy);
- o analiżi tad-*data* disponibbli għall-pubbliku dwar il-kapaċità attwali u ppjanata tal-produzzjoni tal-batteriji;
- o analiżi tal-informazzjoni baġitarja dwar il-finanzjament tal-UE u l-finanzjament nazzjonali għall-katina tal-valur tal-batteriji;
- o rieżami tar-riżultati tal-attivitajiet ta' riċerka ffinanzjati mill-UE għall-batteriji; u
- o eżaminar tad-dokumentazzjoni ta' sostenn dwar l-għażla u l-implimentazzjoni ta' kampjun ta' proġetti kkofinanzjati tar-R&I jew tal-manifattura tul il-katina tal-valur tal-batteriji, inkluża żjara fuq il-post għal xi wħud minn dawn il-proġetti (ara l-[Anness I](#)).

15 Irrieżaminajna wkoll il-prinċipji prinċipali stabbiliti fil-proposta tal-Kummissjoni tal-2020 għal regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji²⁸ (li f'Diċembru 2022 irċieva ftehim politiku proviżorju mill-koleġiżlaturi iżda fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport kien għad irid jiġi adottat u ppubblikat formalment) minħabba l-potenzjal tiegħu li jbidel ix-xenarju tal-batteriji fl-Ewropa. Ma analizzajniex fid-dettall l-Att il-ġdid dwar il-Materja Prima Kritika u l-Att il-ġdid dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, li ġew proposti mill-Kummissjoni f'Marzu 2023.

²⁷ [What is an Innovation Community?](#)

²⁸ Il-Proposta għal Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, [COM\(2020\) 798](#).

16 FI-2019, ippubblikajna rapport analitiku²⁹ li fih iddeskrivejna l-appoġġ tal-UE mill-2014 'il hawn għal diversi teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija (inklużi l-batteriji, iżda wkoll il-ħżin tal-elettriku bl-ilma ppumpjat, il-ħżin tal-idroġenu u l-ħżin termali) u identifikajna għadd ta' sfidi għall-appoġġ li ngħata mill-UE għall-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija. Barra minn hekk, fl-2022 ħarisna lejn is-sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-FEŻR³⁰, suġġett li huwa rilevanti wkoll għall-katina tal-valur tal-batteriji minħabba li l-biċċa l-kbira mill-appoġġ finanzjarju tal-UE sa issa twassal primarjament permezz ta' dawn iż-żewġ strumenti. F'dak ir-rapport, osservajna li kien diffiċli għall-Kummissjoni u għall-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali biex jidentifikaw u jesploraw sinerġiji possibbli ta' dan it-tip, u li l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati tal-fondi baqgħet limitata.

17 Il-katina tal-valur tal-batteriji evolviet rapidament fi snin reċenti, kemm fil-livell globali kif ukoll f'dak Ewropew. Ħames snin wara l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2018, dan ir-rapport għandu l-għan li jikkontribwixxi għat-titjib tal-qafas ta' politika u għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi tal-UE f'dan il-qasam.

²⁹ Ir-Rapport Analitiku 04/2019: "Appoġġ tal-UE għall-ħżin tal-enerġija".

³⁰ Ir-Rapport Speċjali 23/2022: "Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej".

Osservazzjonijiet

L-istrateġija tal-Kummissjoni għall-batteriji hija rilevanti għall- ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati Ewropej, minkejja n- nuqqasijiet fil-monitoraġġ

18 Irrieżaminajna l-iżvilupp tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni, u r-rilevanza tal-oġġettivi ta' politika li segwiet u tal-azzjonijiet li pproponiet. Qabbilna l-pjan ta' azzjoni mal-istrateġiji nazzjonali, fejn dawn kienu jeżistu, biex nivvalutaw il-konsistenza tagħhom. Eżaminajna l-kisbiet ewlenin tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni wara li ġie ppubblikat fl-2018. Fl-aħħar nett, eżaminajna kif il-Kummissjoni qed timmonitorja l-katina tal-valur tal-batteriji u l-potenzjal tal-produzzjoni tal-batteriji tal-UE biex tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet usa' tal-UE rigward in-newtralità klimatika u s-settur kompetittiv tal-karozzi.

Il-pjan ta' azzjoni tal-2018 huwa r-riżultat tal-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-politika industrijali tal-UE għall-batteriji mill-2015 'il hawn

19 Mill-2015 'il hawn, wara r-reviżjoni tal-pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET)³¹, il-produzzjoni tal-batteriji saret pedament tal-politika industrijali tal-UE. Dan il-pjan jidentifika l-ħtieġa li nsiru kompetittivi fis-settur globali tal-batteriji, u l-pjan ta' implimentazzjoni tiegħu tal-2017³² jippreżenta l-attivitajiet speċifiċi tar-R&I meħtieġa biex jintlaħaq dak l-għan. Fl-istess sena, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE³³ kklassifikat l-investimenti fil-batteriji bħala investimenti ta' importanza strateġika u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tiġbor lill-partijiet ikkonċernati u "tagħti bidu għal inizjattivi mmexxijin mill-industrija għal katina tal-valur tal-batteriji sħiħa fl-UE, kemm għal applikazzjonijiet mobbli kif ukoll dawk stazzjonarji".

³¹ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Lejn Pjan tat-Teknoloġija Enerġetika Strateġika (SET) Integrat: Aċċelerazzjoni tat-Trasformazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija Ewropea, C(2015) 6317.

³² Is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Pjan SET, [Become competitive in the global battery sector to drive e-mobility and stationary storage forward](#).

³³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Strateġija mġedda għall-Politika Industrijali tal-UE, COM(2017) 479.

20 F'Ottubru 2017, il-Kummissjoni ospitat laqgħa ta' livell għoli dwar l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-batteriji u ħabbret it-tnedija ta' pjattaforma mmexxija mill-industrija, magħrufa bħala l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji. Bl-użu ta' din il-pjattaforma, il-partijiet ikkonċernati industrijali u l-komunità tar-riċerka komplew jaħdmu bejn l-2017 u l-2018 fuq it-tnejn ta' lista ta' azzjonijiet meħtieġa biex tiġi żviluppata l-katina tal-valur tal-batteriji.

21 F'April 2018, ibbażat fuq il-kontributi li waslu mingħand l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, il-Kummissjoni ppubblikat il-pjan ta' azzjoni tagħha bħala anness għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Mobbiltà Sostenibbli għall-Ewropa³⁴, bl-għan ġenerali li "l-Ewropa ssir mexxejja dinjija fil-produzzjoni u fl-użu sostenibbli tal-batteriji". Dan ikopri l-istadji differenti tal-katina tal-valur, mill-estrazzjoni tal-materja prima sal-irkupru tagħha minn batteriji fi tmiem ħajjithom (ara l-**Kaxxa 1**). Jipproponi wkoll firxa ta' għodod li jinkludu l-iffaċilitar tas-sħubijiet bejn il-partijiet ikkonċernati, l-intervent leġiżlattiv u l-finanzjament għal proġetti relatati mal-batteriji.

Kaxxa 1

Il-pjan ta' azzjoni strateġiku tal-Kummissjoni tal-2018 dwar il-batteriji

Il-pjan ta' azzjoni jidentifika sitt objettivi fl-oqsma li ġejjin:

- (1) l-iżgurar tal-aċċess għall-materja prima,
- (2) l-appoġġ għall-manifattura Ewropea taċ-ċelluli tal-batteriji fuq skala kbira,
- (3) l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE dwar teknoloġiji avvanzati u fixkiela,
- (4) it-tisħiħ tal-forza tax-xogħol u l-ħiliet,
- (5) l-appoġġ għas-sostenibbiltà tal-industrija tal-manifattura taċ-ċelluli tal-batteriji tal-UE,
- (6) l-iżgurar ta' konsistenza mal-qafas usa' regulatorju u ta' abilitazzjoni.

F'kull wieħed minn dawn l-oqsma, id-dokument jidentifika azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni, f'xi każijiet flimkien mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija tul il-katina tal-valur tal-batteriji. Il-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet għandhom data ta' skadenza għall-implimentazzjoni bejn l-2018 u l-2020.

³⁴ L-Anness 2 ta' [COM\(2018\) 293](#).

22 Abbażi tal-analiżi li wettaqna, sibna li l-pjan ta' azzjoni tal-2018 jipprovdi qafas rilevanti għall-iżvilupp ta' politika industrijali Ewropea dwar il-batteriji. B'mod partikolari, l-azzjonijiet differenti tiegħu jindirizzaw b'mod simultanju firxa ta' kwistjonijiet (bħall-kompetizzjoni globali għal riżorsi skarsi, ekonomiji ta' skala u interdipendenzi b'saħħithom tul il-katina tal-valur tal-batteriji), fejn it-teħid ta' approċċ frammentat mid-diversi partijiet ikkonċernati ma jkunx adegwat. Madankollu, nosservaw li, minħabba li tfassal fl-2018, il-pjan ta' azzjoni ma jindirizzax direttament ir-riskju maħluq minn żidiet sussegwenti fil-prezzijiet tal-enerġija, notevolment b'riżultat tal-kunflitt fl-Ukrajna. L-industrija tal-manifattura tal-batteriji intensiva fl-enerġija hija tipikament konsumatur kbir ta' gass u elettriku, li l-prezzijiet tagħhom żdiedu b'madwar 60 % matul l-ewwel nofs tal-2022³⁵.

Il-pjan ta' azzjoni huwa appoġġat mill-industrija Ewropea tal-karozzi u tal-enerġija u huwa ġeneralment konformi ma' strateġiji simili fl-Istati Membri

23 L-analiżi li wettaqna wriet ukoll li l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni essenzjalment jirrifletti l-proposti magħmula mill-Alleanza Ewropea tal-Batteriji mmexxija mill-industrija, li tinkludi ħafna manifatturi Ewropej tal-karozzi u partijiet ikkonċernati fis-settur tal-enerġija bħall-produtturi u d-distributuri tal-elettriku. Barra minn hekk, l-intervisti li għamilna mal-awtoritajiet nazzjonali u dawk reġjonali, kif ukoll mar-rappreżentanti tal-industrija u tal-istituzzjonijiet tar-riċerka li żorna matul l-awditu jindikaw appoġġ fuq bażi wiesgħa għall-inizjattiva tal-Kummissjoni u għall-pjan ta' azzjoni nnifsu.

24 Minn dawk l-Istati Membri koperti mill-awditu li wettaqna, il-Ġermanja (fl-2018³⁶) u l-Iżvezja (fl-2020³⁷) żviluppaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom stess. Sibna li ż-żewġ strateġiji kienu konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni fis-sens li dawn ġejjin ukoll minn kontributi mingħand il-partijiet ikkonċernati industrijali u dawk tar-riċerka, u jsegwu objettivi simili b'għodod simili. B'mod partikolari, huma kellhom ukoll l-għan li jtejb u l-produzzjoni sostenibbli, inkluża d-dimensjoni tar-riċiklaġġ tagħha, u ppjanaw li jużaw il-fondi nazzjonali biex jappoġġaw ir-R&I u jħarrġu lill-forza tax-xogħol.

³⁵ L-Eurostat, Il-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass għall-konsumaturi mhux domestiċi – *data* biannwali (NRG_PC_205, NRG_PC_203).

³⁶ Batterien “made in Germany” – ein Beitrag zu nachhaltigem Wachstum und klimafreundlicher Mobilität.

³⁷ Strategi för fossilfri konkurrenskraft en hållbar batteri värdekedja.


25 FI-2018, il-Portugall adotta strateġija għall-isfruttament tar-riżorsi nazzjonali tal-litju. Spanja, Franza u l-Polonja ma għandhomx strateġiji nazzjonali formali ddedikati speċifikament għall-katina tal-valur tal-batteriji.

L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni wasslet strumenti ewlenin b'appoġġ għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE

26 Flimkien mal-azzjonijiet elenkati fil-pjan ta' azzjoni li jirreferu għal ħidma kontinwa minn servizzi differenti tal-Kummissjoni meta jinteraġixxu mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati privati, sibna li fejn il-pjan ta' azzjoni kien jiddefinixxi outputs speċifiċi (15 minn 37 azzjoni), dawn ġeneralment twasslu. L-*Annex II* jipprovdi lista ta' dawn l-azzjonijiet flimkien mal-kisbiet ewlenin tagħhom u l-analiżi li wettaqna fir-rigward tagħhom.

27 Il-*Figura 2* tenfasizza l-azzjonijiet l-aktar sinifikanti li ttieħdu mill-Kummissjoni matul il-perjodu 2018-2022 u li jirriżultaw mill-pjan ta' azzjoni, fir-rigward tal-intervent regolatorju, l-appoġġ finanzjarju, it-teknoloġija u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Figura 2 – Skeda ta' żmien tal-outputs ewlenin mill-azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni b'appoġġ għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE



Nota: "BAT" u "BATT4EU" jirreferu għal suġġetti speċifiċi għall-batteriji fi ħdan sejħiet għal proposti mnedija taħt Orizzont 2020 ("Building a Low-Carbon, Climate Resilient Future: Next-Generation Batteries") u taħt Orizzont Ewropa ("Cross-sectoral solutions for the climate transition"), f'dan l-aħħar każ taħt sħubija Ewropea koprogrammata "BATT4EU".

Sors: analiżi mwettqa mill-QEA.

28 Diversi riżultati tanġibbli tal-pjan ta' azzjoni espandew l-intervent tal-Kummissjoni fil-katina tal-valur tal-batteriji, b'impatt potenzjali sinifikanti fil-futur:

- o Proposta għal Regolament ġdid dwar il-batteriji (2020)³⁸: id-Direttiva 2006/66/KE tibqa' l-uniku strument leġislattiv iddedikat speċifikament għall-batteriji. Hija tiffoka primarjament fuq l-istadju ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji u l-impatt ambjentali tagħhom. Il-proposta tal-Kummissjoni tagħżel regolament tal-UE li japplika direttament minflok direttiva li tirrikjedi traspożizzjoni mill-Istati Membri, u tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent leġislattiv biex jinkludi ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-batterija. Hija għandha l-għan li tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti fis-suq intern, tippromwovi l-ekonomija ċirkolari u tnaqqas l-impatti ambjentali u soċjali tal-katina tal-valur tal-batteriji. Karatteristiċi ġodda ewlenin jinkludu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista, kontenut minimu riċiklat f'kull batterija ġdida, dikjarazzjoni obbligatorja tal-impronta tal-karbonju u rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni u durabbiltà. F'Diċembru 2022, intlaħaq ftehim politiku proviżorju mill-koleġislaturi iżda fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport, ir-regolament kien għad irid jiġi adottat u ppubblikat formalment.
- o Approvazzjoni ta' żewġ IPCEIs: permezz ta' deċiżjonijiet li ġew adottati f'Diċembru 2019 u f'Jannar 2021, il-Kummissjoni approvat ammont li jilħaq sa EUR 6 biljun f'għajjuna mill-Istat, li 12-il Stat Membru nnotifikaw b'appoġġ għal 74 proġett individwali tul il-katina tal-valur Ewropea tal-batteriji. Minbarra kollaborazzjonijiet ma' sħab oħra, jiġifieri organizzazzjonijiet ta' riċerka, 53 kumpanija huma involuti direttament fl-IPCEIs. Sal-2031, il-Kummissjoni tistenna li dawn il-proġetti jiġġeneraw investimenti totali b'valur ta' EUR 14-il biljun.
- o Appoġġ għall-istabbiliment ta' pjattaformi għall-partijiet ikkonċernati, bħall-Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni dwar il-Batteriji (2018) li, fost oħrajn, żviluppat pjan direzzjonali teknoloġiku ġdid għall-ħidma Ewropea fir-R&I fuq il-batteriji.

³⁸ Il-Proposta għal Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, [COM\(2020\) 798](#).

- o Bħala parti mill-programmi qafas għar-R&I taħt Orizzont tal-UE, il-Kummissjoni nediet sejħiet għal proposti speċifikament iddedikati għall-proġetti tar-R&I fil-katina tal-valur tal-batteriji. Il-baġit inizjalment allokat għal dawn is-sejħiet kien jammonta għal EUR 246 miljun (fi ħdan il-programm ta' ħidma 2018-2020 f'Orizzont 2020) u EUR 293 miljun (fi ħdan il-programm ta' ħidma 2021-2022 f'Orizzont Ewropa, taħt sħubija koprogrammata³⁹ għall-batteriji). Dan jirrappreżenta evoluzzjoni relattiva għall-finanzjament minn qabel ta' proġetti tal-batteriji, li kien mifrux fost sejħiet oħra mhux speċifiċi għall-batteriji.

29 Osservajna wkoll li, f'għadd żgħir ta' każijiet, l-azzjonijiet għadhom ma pproduċewx ir-riżultati tanġibbli mistennija:

- o Fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju għall-manifattura Ewropea taċ-ċelluli tal-batteriji fuq skala kbira, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-BEI, kienet ipprevediet il-ħolqien ta' portal iddedikat għall-fondi u l-finanzjament ta' batteriji biex tiffaċilita l-aċċess tal-partijiet ikkonċernati għal appoġġ finanzjarju xieraq u tassisti l-finanzjament imħallat ta' strumenti finanzjarji. Minkejja li fl-2021 inħoloq il-Portal InvestEU li huwa aktar komprensiv⁴⁰, li kellu l-għan li jlaqqa' flimkien lill-investituri u lill-iżviluppaturi tal-proġetti, għad ma hemmx portal bħal dan iddedikat għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE.
- o Fir-rigward tal-iżgurar ta' provvista sostenibbli ta' materja prima, il-Kummissjoni kienet ipprevediet l-użu tal-istrumenti xierqa kollha tal-politika kummerċjali (bħal ftehimiet ta' kummerċ ħieles) biex jiġi żgurat aċċess ġust u sostenibbli għall-materja prima f'pajjiżi terzi. Minkejja n-negozjati li għaddejjin bħalissa u l-iffirmar ta' sħubijiet strateġiċi ma' għadd ta' pajjiżi, l-UE għad ma għandhiex ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-akbar produtturi globali ta' materja prima jew ta' materjali raffinati għall-batteriji, l-aktar notevolment iċ-Ċina (il-grafit naturali mhux maħdum u l-kobalt raffinat, il-litju, in-nikil u l-grafit naturali), ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (il-kobalt mhux maħdum), u l-Awstralja (il-litju mhux maħdum).

³⁹ L-Artikolu 10 tar-[Regolament \(UE\) 2021/695](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

⁴⁰ Id-[Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2021/626](#) tal-14 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-Portal InvestEU u tfassal l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu.

Il-Kummissjoni qed timmonitorja l-katina tal-valur tal-batteriji abbażi ta' *data* limitata u spiss mhux aġġornata

30 Il-monitoraġġ imwettaq mill-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp tal-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE huwa bbażat fuq bosta sorsi, l-aktar importanti:

- L-Eurostat, li jiġbor *data* dwar l-impjegi, l-għadd u l-fatturat tal-intrapriżi fis-settur tal-produzzjoni tal-batteriji, il-produzzjoni ta' kategoriji differenti ta' batteriji, ir-rati ta' ġbir għall-batteriji portabbli, ir-riċiklaġġ tal-batteriji skont il-klassifikazzjoni tad-Direttiva dwar il-batteriji tal-2006, u l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' materja prima u batteriji;
- iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, li jħejji rapporti u analiżijiet relatati mal-katina tal-valur tal-batteriji fuq talba tas-servizzi tal-Kummissjoni, imexxi l-Osservatorju tat-Teknoloġija tal-Enerġija Nadifa li nħoloq reċentement u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Materja Prima – bażi ta' *data* komprensiva dwar il-kummerċ, il-produzzjoni u l-konsum ta' diversi tipi ta' materja prima u diversi materjali pproċessati, inklużi dawk rilevanti għall-batteriji;
- dikjarazzjonijiet, analiżijiet u rapporti *ad hoc* imħejjija minn istituti tar-riċerka, konsulenti, partijiet ikkonċernati industrijali u diversi assoċjazzjonijiet tal-industrija, inkluż l-EIT InnoEnergy;
- laqgħat regolari tal-pjattaformi għall-partijiet ikkonċernati bħall-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, u tal-Bordijiet Superviżorji taż-żewġ IPCEIs dwar il-batteriji.

31 L-informazzjoni li tinġabar mill-Kummissjoni tappoġġa t-tfassil tal-politiki tagħha. Il-Kummissjoni tużaha biex tiżviluppa u timmonitorja l-politiki u l-istrateġiji tagħha, biex tfassal sejħiet għal proposti għall-proġetti tal-batteriji, u biex twettaq il-proċess ta' valutazzjoni tal-kritikalità li jwassal għall-adozzjoni tal-[lista tal-UE ta' Materja Prima Kritika](#)⁴¹. Din tikkontribwixxi wkoll mhux biss għar-rapporti ta' progress annwali dwar il-kompetittività tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa⁴², li jinkludu taqsima ddedikata għall-batteriji, iżda wkoll għall-attivitajiet ta' prospettiva tal-Kummissjoni.

⁴¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Reżiljenza tal-Materja Prima Kritika, [COM\(2020\) 474](#).

⁴² Ir-rapporti tal-Kummissjoni [COM\(2020\) 953](#) u [COM\(2021\) 952](#).

32 Madankollu, il-monitoraġġ imwettaq mill-Kummissjoni huwa affettwat minn nuqqasijiet, li jirriżultaw b'mod partikolari min-nuqqas ta' sistema għall-ġbir ta' *data* aġġornata u komprensiva. Fir-rigward ta' materja prima, materjali raffinati u materjali pproċessati għall-batteriji, nosservaw li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-materja prima kritika⁴³, għalkemm ġiet aġġornata fl-2023, hija bbażata fuq *data* li tkopri l-perjodu 2016-2020; li mhijiex kompleta għall-kobalt mhux maħdum, għal-litju mhux maħdum u għall-grafit naturali raffinat; u ma tkoprix il-manifattura ta' materjali pproċessati (anodi u katodi). Barra minn hekk, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Materja Prima tal-Kummissjoni, li tirreġistra firxa wiesgħa ta' *data* u tagħmilha disponibbli għall-pubbliku f'forma strutturata, għadha prinċipalment tirrifletti *data* sal-2016, fir-rigward ta' materjali li huma rilevanti għall-katina tal-valur tal-batteriji. Fir-rigward ta' materjali oħra, hija disponibbli informazzjoni aktar aġġornata.

33 B'mod kruċjali, il-Kummissjoni ma timmonitorjax suffiċjentement il-produzzjoni taċ-ċelluli tal-batteriji fl-UE. Attwalment l-Eurostat jirrapporta dwar il-kwantitajiet (unitajiet) ta' batteriji prodotti⁴⁴ rrispettivament mill-kapaċità enerġetika tagħhom f'watt-siegħa, li huwa l-indikatur essenzjali tas-suq. Fin-nuqqas ta' *data* reali mill-manifatturi, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka seta' biss jistma l-produzzjoni tal-2021 taċ-ċelluli tal-batteriji tal-joni tal-litju (16 GWh)⁴⁵ fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet u varjabbli korrelati. Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-UE, li tissemma f'kull wieħed mir-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-Enerġija Nadifa⁴⁶ u tintwera b'mod komuni f'diversi publikazzjonijiet settorjali oħra, hija bbażata fuq id-dikjarazzjonijiet tal-manifatturi, li spiss jiġu rtirati u ma jiġux ivverifikati b'mod indipendenti.

34 In-nuqqas ta' *data* aġġornata u komprensiva jillimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li timmonitorja l-kompetittività tal-katina tal-valur Ewropea u li tidentifika r-riskji għat-tkabbir u għall-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda.

⁴³ Il-Kummissjoni Ewropea, [Study on the Critical Raw Materials for the EU 2023](#).

⁴⁴ [Sold production, exports and imports \[DS-056120__custom_3519735\]](#) – l-Eurostat, *data* estratta fis-6/10/2022.

⁴⁵ Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, [Batteries for Energy Storage in the European Union – 2022 Status report on technology development, trends, value chains and markets](#).

⁴⁶ L-aktar reċentement: Progress fuq il-kompetittività tat-teknoloġiji nodfa tal-enerġija, COM(2022) 643.

Il-valutazzjoni tal-kontribut tal-batteriji Ewropej għall-għanijiet tan-newtralità klimatika għadha diffiċli

35 Il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni jqassam l-għan ġenerali li l-Ewropa ssir "mexxej globali" f'objettivi f'sitt oqsma, li kollha huma rilevanti għall-katina tal-valur tal-batteriji (ara l-[Kaxxa 1](#)). Madankollu, għalkemm l-azzjonijiet tal-Kummissjoni fil-pjan, f'xi każijiet, huma kkwantifikati u ġeneralment marbuta biż-żmien, dan mhuwiex il-każ għas-sitt objettivi. Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni ma jinkludix definizzjoni tal-indikaturi u l-istadji importanti *interim* li jagħmluha possibbli li jitkejjel il-progress lejn l-ilħuq tagħhom. Dan huwa partikolarment sinifikanti fil-każ tal-manifattura tal-batteriji.

36 Il-Kummissjoni ma analizzatx il-kontribut mistenni mill-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE għall-għanijiet tan-newtralità klimatika, notevolment għall-mira ta' emissjonijiet żero sal-2035 għall-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief il-ġodda. Filwaqt li l-Kummissjoni tistenna li madwar 30 miljun vettura b'emissjonijiet żero fit-toroq Ewropej fl-2030⁴⁷ u 90 % tar-reġistrazzjonijiet il-ġodda fl-2035 se jkunu vetturi elettriċi bil-batterija⁴⁸, l-istrateġija attwali tagħha dwar il-batteriji ma tivvalutax il-kapaċità Ewropea biex taqdi suq b'hal dan.

37 Dawn id-diskrepanzi jillimitaw l-abbiltà tal-Kummissjoni li timmonitorja u timmitiga diversi riskji ewlenin. Nosservaw, b'mod partikolari, ir-riskju li l-miri ddikjarati ta' emissjonijiet żero mhumix se jintlaħqu minħabba produzzjoni insuffiċjenti tal-batteriji, jew li jista' jkun li jintlaħqu fil-biċċa l-kbira permezz ta' batteriji jew vetturi elettriċi importati, għad-detriment tal-katina tal-valur Ewropea tal-batteriji u l-impjiegi assoċjati. Fl-aħħar nett, in-nuqqas ta' kwantifikazzjoni tat-tkabbir mistenni fil-produzzjoni tal-batteriji fl-UE jżid ukoll l-inċertezza dwar is-sigurtà tal-provvista tal-materja prima meħtieġa biex tiġi sostnuta dik il-produzzjoni.

⁴⁷ Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur, [COM\(2020\) 789](#).

⁴⁸ Impact assessment accompanying the proposal for a Regulation as regards strengthening the CO₂ emission performance standards for new passenger cars and new light commercial vehicles, [SWD\(2021\) 613](#).

38 F'Marzu 2023, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal regolament, magħruf bħala l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, li għandha l-għan li tinnova u żżid il-kapaċità tal-manifattura Ewropea tat-teknoloġiji li huma kruċjali biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE (ara l-paragrafu 08). Għal dawn it-teknoloġiji, li jinkludu l-batteriji iżda mhumiex limitati għalihom, il-proposta tistabbilixxi l-oġettiv li sal-2030, 40 % tal-ħtiġijiet annwali relatati mal-użu jiġu prodotti domestikament b'mod konsistenti mal-ilħuq ta' dawk il-miri. Il-proposta tinkludi wkoll oġettiv indikattiv speċifiku għall-batteriji li 90 % tad-domanda annwali tal-Unjoni fl-2030 tiġi prodotta domestikament, li jissarraf f'kapaċità tal-manifattura ta' 550 GWh⁴⁹.

Il-produzzjoni tal-batteriji fl-UE hija proġettata li tiżdied rapidament sal-2030 iżda tiffaċċja nuqqas imminenti ta' materja prima

39 Analizzajna l-kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji tal-UE, kemm dik attwali kif ukoll dik proġettata sal-2030, is-suffiċjenza ta' dik il-kapaċità biex taqdi d-domanda tal-UE u r-riskji li jista' jkollhom impatt fuq l-użu reali. Il-kapaċità tal-produzzjoni proġettata għall-2030 hija bbażata fuq dikjarazzjonijiet minn kumpaniji Ewropej u mhux Ewropej dwar l-investimenti futuri ppjanati tagħhom fi ħdan l-UE. Dawn id-dikjarazzjonijiet oriġinarjament ġew ikkompilati mill-Ministeru Federali tal-Ġermanja għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Azzjoni dwar il-Klima f'Mejju 2022, u ġew riveduti mix-xogħol tal-awditjar li wettaqna. Skont il-perjodi ta' żmien u l-istrateġiji ta' kull manifattur tal-batteriji, dawn l-investimenti jinsabu fi stadji differenti ta' maturità u għadhom jistgħu jitreggħu lura, pereżempju b'rispons għall-inċentivi offruti mill-gvernijiet f'reġjuni oħra tad-dinja jew minħabba żieda fil-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija. Abbażi tad-*data* disponibbli, eżaminajna wkoll sa liema punt l-UE hija awtosuffiċjenti fil-ksib ta' materjali ewlenin għall-batteriji u jekk il-produtturi domestiċi jistgħux iżommu aċċess adegwat għal dawn il-materjali fil-futur.

⁴⁹ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tiġid tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti), COM(2023) 161.

Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji tal-UE tista' tiżdied minn 44 GWh fl-2020 sa 1 200 GWh sal-2030

40 Xprunata minn standards dejjem aktar stretti ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂⁵⁰, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji fl-Istati Membri tal-EU-27 qed tiżviluppa rapidament. Għaċ-ċelluli tal-batteriji tal-joni tal-litju, li attwalment huma l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku fil-vetturi elettriċi, din laħqet 44 GWh fl-2020⁵¹, madwar 70 GWh fl-2022 u tista' titla' sa 520 GWh sal-2025⁵². Il-Kummissjoni tistma li din iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni se toħloq 800 000 impjieg ġdid⁵³ u tirreferi għal valur potenzjali tas-suq ta' madwar EUR 250 biljun fis-sena f'termini ta' attività ekonomika⁵⁴.

41 Attwalment is-sussidjarji ta' kumpaniji mhux tal-UE jippossjedu l-biċċa l-kbira minn dawn is-siti ta' manifattura iżda l-kumpaniji bbażati fl-UE huma proġettati li gradwalment ikollhom sehem akbar minn din il-kapaċità tal-produzzjoni, li tista' tirrappreżenta sa 56 % tal-kapaċità tal-produzzjoni ġenerali tal-UE fl-2025.

42 Sal-2030, jekk il-kumpaniji jirnexxielhom jimplimentaw il-proġetti mħabbra, l-UE tista' tilħaq il-kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji fil-medda ta' bejn 714 GWh u 1 200 GWh. L-[Anness III](#) jipprovdi ripartizzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni attwali għal kull Stat Membru u tal-kapaċità ppjanata għall-2025 u l-2030.

⁵⁰ Ir-[Regolament \(UE\) 2019/631](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda.

⁵¹ Progress on competitiveness of clean energy technologies, [SWD\(2021\) 307](#).


⁵² Analiżi mwettqa mill-QEA, ibbażat fuq il-Ministeru Federali Ġermaniż għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Azzjoni dwar il-Klima, Mejju 2022.

⁵³ Progress on competitiveness of clean energy technologies 6 & 7 – Batteries and Hydrogen Electrolysers, [SWD\(2021\) 307](#).

⁵⁴ L-Anness 2 ta' [COM\(2018\) 293](#), Pjan ta' Azzjoni Strateġiku dwar il-Batteriji.

43 L-analiżi li wettaqna wriet ukoll li l-kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali ppjanata tista' tinfirex b'mod aktar wiesa' fl-Istati Membri kollha tal-UE, kif jidher fil-**Figura 3**.

Figura 3 – Kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji tal-UE – Attwali (2022) u ppjanata (2025 u 2030)



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* kkompilata mill-Ministeru Federali tal-Ġermanja għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Azzjoni dwar il-Klima u fuq id-dikjarazzjonijiet tal-kumpaniji. Iċ-ċrieki huma proporzjonalment imdaqqsa biex jirriflettaw l-kapaċità tal-produzzjoni f'postijiet individwali. Disinn tal-mapep: l-Eurostat.

44 Produzzjoni domestika b'hal din tista' fil-biċċa l-kbira tissodisfa d-domanda mistennija tal-UE sal-2025 (400 GWh)⁵⁵. Sal-2030, kapaċità tal-produzzjoni domestika ta' 1 200 GWh tkun twassal sa 16-il miljun vettura elettrika li jaħdmu b'batteryi ta' 75 kWh – li taqbeż il-quċċata ta' qabel il-COVID ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi tal-passiġġieri u vannijiet (madwar 14.8-il miljun vettura ta' kull tip ta' magna u mutur⁵⁶). Nosservaw ukoll li dawn il-projezzjonijiet tal-industrija huma aktar mid-doppju tal-mira tal-produzzjoni tal-Kummissjoni ta' 550 GWh għall-2030 (ara l-paragrafu 38).

45 Fi kwalunkwe każ, l-iskala tat-tranżizzjoni prevista hija sinifikanti. Skont l-istimi tagħna, il-produzzjoni reali tal-UE fl-2021 kienet tirrappreżenta biss 27 % tad-domanda tal-UE għall-batteryi għas-settur tal-elettromobbiltà, abbażi tar-reġistrazzjonijiet tal-UE ta' vetturi elettriċi bil-batteryi u vetturi elettriċi ibridi plug-in. Fl-2022, il-flotta tal-UE ta' vetturi elettriċi bil-batteryi (2.9 miljun) kienet għadha tirrappreżenta biss 1 % tal-flotta totali tagħha ta' karozzi tal-passiġġieri u vannijiet (280 miljun)⁵⁷. Attwalment, il-flotta għandha età medja ta' 12-il sena⁵⁸ u tkompli temetti s-sustanzi li jniġġsu u l-gassijiet li jirriflettu n-normi inqas stretti li kienu fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul tagħhom fiċ-ċirkolazzjoni⁵⁹.

46 L-inabbiltà tal-industrija tal-batteryi tal-UE li tibni l-kapaċità tal-produzzjoni proġettata u twassal alternattiva kostkompetittiva għall-magni tal-kombustjoni interna tista' twassal biex:

- o jiġu estiżi l-emissjonijiet minn vetturi b'magna tal-kombustjoni interna (flimkien ma' flotta tal-UE li qed teqdiem ta' tali vetturi), u dan jirriżulta f'nuqqas ta' lħuq tal-obiettivi tan-newtralità tal-karbonju tal-Patt Ekoloġiku; u
- o issir tranżizzjoni lejn flotta b'emissjonijiet zero fil-biċċa l-kbira fuq il-bażi ta' batteryi u vetturi elettriċi importati, għad-detriment tal-industrija Ewropea tal-karozzi.

⁵⁵ Progress on competitiveness of clean energy technologies, SWD(2021) 307.

⁵⁶ L-ACEA, *New passenger car registrations in the EU* u *New commercial vehicle registrations in the EU*.

⁵⁷ Osservatorju Ewropew tal-Fjuwils Alternattivi 2022.

⁵⁸ L-ACEA, *Vehicles in use Europe 2022*.

⁵⁹ Ir-Regolament (UE) 2017/1151 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6).

L-użu tal-kapaċità proġettata tal-produzzjoni tal-batteriji jibqa' suġġett għal riskji sinifikanti

47 L-użu reali tal-kapaċità tal-produzzjoni proġettata huwa suġġett għal għadd ta' riskji:


- jista' jkun hemm intervall latenti sinifikanti sakemm il-kapaċità proġettata tintuża peress li l-faċilitajiet tal-produzzjoni li nfetħu reċentement se jkunu meħtieġa jtkabbru biex joperaw fuq skala sħiħa. Pereżempju, fl-2021, il-produzzjoni tal-batteriji fl-UE laħqet biss 16 GWh (26 %) minn 62 GWh tal-kapaċità mħabbra⁶⁰;
- il-manifatturi tal-batteriji jistgħu jreġġgħu lura l-pjanijiet tagħhom għall-użu tal-kapaċità tal-produzzjoni fl-UE b'rispons għal kundizzjonijiet finanzjarji aktar attraenti offruti minn reġjuni oħra tad-dinja, notevolment l-Att dwar l-Investment fl-Infrastruttura u l-Impjiegi u l-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni fl-Istati Uniti, li jipprovdu firxa ta' inċentivi għall-kumpaniji li jagħżlu li jillokalizzaw il-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-batteriji tagħhom fl-Istati Uniti. B'mod partikolari l-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni huwa differenti mill-appoġġ finanzjarju attwali mogħti mill-UE, fis-sens li jissussidja direttament il-produzzjoni ta' minerali u batteriji kif ukoll l-akkwiżizzjoni ta' vetturi elettriċi dment li dawn u l-komponenti tagħhom isiru fl-Istati Uniti (ara l-paragrafu 07);
- iż-żidiet fil-kost tal-fatturi tal-produzzjoni bħall-enerġija u l-materja prima jistgħu jwasslu biex il-batteriji, u konsegwentement il-vetturi elettriċi, isiru mhux affordabbli għal segment kbir ta' sidien u operaturi tal-flotot, u b'hekk jonqsu d-domanda għal vetturi elettriċi u r-raġuni ekonomika għal investment fil-faċilitajiet tal-produzzjoni (ara wkoll il-paragrafi 48-54).

⁶⁰ Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, l-Osservatorju tat-Teknoloġija tal-Enerġija Nadifa, [Batteries for Energy Storage in the European Union](#), Novembru 2022.

L-awtosuffiċjenza fil-materja prima ewlenija tal-batteriji u fil-kapaċità ta' raffinar hija baxxa ħafna

48 Skont id-*data* ppreżentata fl-istudju mwettaq mill-Kummissjoni fl-2023 dwar il-materja prima kritika⁶¹, l-UE tiddependi ħafna fuq is-swieq internazzjonali biex tiżgura l-materja prima primarja li tintuża għall-batteriji: id-dipendenza fuq l-importazzjoni ta' ħames materjali ta' dan it-tip (il-kobalt, in-nikil, il-litju, il-manganiż u l-grafit naturali) kellha medja ta' 78 %. Għall-materjali raffinati, id-dipendenza hija ġeneralment aktar baxxa, f'rata ta' 61 %⁶², anke jekk għal-litju raffinat il-konsum tal-UE jiddependi kollu kemm hu fuq l-importazzjonijiet (ara l-*Figura 4*).

Figura 4 – Id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet ta' materjali magħżula tal-batteriji



Nota: għal kull materjal, iċ-ċifra turi *data* għall-istat mhux maħdum (l-ewwel kolonna) u l-istat raffinat (it-tieni kolonna). Id-*data* għall-grafit naturali raffinat mhijiex disponibbli fl-istudju.


Sors: Study on the Critical Raw Materials for the EU 2023.

⁶¹ Il-Kummissjoni Ewropea, *Study on the Critical Raw Materials for the EU 2023*.

⁶² Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Materja Prima, id-*data* għall-perjodu 2012-2016.

49 Barra minn hekk, il-provvista ta' dawn il-materjali tibqa' kkonċentrata ħafna fuq l-importazzjonijiet minn ftit pajjiżi. Madwar 87 % tal-litju mhux maħdum importat, 68 % tal-kobalt mhux maħdum, 41 % tal-manganiż u 40 % tal-grafit naturali mhux maħdum jinkisbu minn pajjiżi individwali (ara l-[Figura 5](#)). Konċentrazzjoni simili tapplika għall-provvista ta' materjali pproċessati. B'mod partikolari, 79 % tal-provvista tal-litju raffinat tal-UE toriġina miċ-Ċili, filwaqt li 29 % tan-nikil ipproċessat importat jiġi mir-Russja.

Figura 5 – Sorsi ta' provvista tal-UE ta' materja prima għall-batteriji



Sors: Id-data għall-manganiż, għan-nikil u għall-grafite naturali mhux maħduma nkisbet mill-Istudju tal-2023 dwar il-Materja Prima Kritika għall-UE (b'referenza għall-perjodu 2016-2020). Id-data għall-kobalt u għall-litju mhux maħduma mhijiex disponibbli fl-istudju tal-2023 u minflok inkisbet mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Materja Prima (b'referenza għall-perjodu 2012-2016 u miksuba mill-valutazzjoni tal-2020 tal-Materja Prima Kritika).

50 Bosta mill-pajjiżi fornituri prinċipali tal-UE huma pajjiżi li qed jiżviluppaw assoċjati ma' indikaturi ta' governanza baxxi⁶³, u b'hekk iqajmu tħassib dwar il-kundizzjonijiet soċjali u ambjentali li taħthom tiġi estratta din il-materja prima. Għal oħrajn, hemm riskji ġeopolitiċi li jistgħu jwasslu għal restrizzjonijiet kummerċjali li jaffettwaw is-sostenibbiltà u l-prevedibbiltà tal-provvista. Dawn ir-riskji ġeopolitiċi ġew osservati wkoll mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tal-2020 dwar il-materja prima kritika⁶⁴.

⁶³ [Worldwide governance indicators](#).

⁶⁴ Ir-Reżiljenza tal-Materja Prima Kritika: It-Twittija tat-Triq lejn Sigurtà u Sostenibbiltà Akbar, COM(2020) 474.


Il-produzzjoni Ewropea tal-batteriji tiffaċċja nuqqas globali imminenti ta' materja prima ewlenija

51 It-tbassir jipprevedi diskrepanza li qed tikber bejn il-provvista globali u d-domanda għal materjali ewlenin tal-batteriji, b'mod partikolari l-kobalt, il-litju u n-nikil. Skont il-projezzjonijiet prodotti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, in-nuqqas globali se jsir sinifikanti sal-2030, meta l-biċċa l-kbira mill-kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji tal-UE se ssir operazzjonali⁶⁵. Stimi oħra jipprevedu li xi materjali se jsiru aktar skarsi saħansitra qabel⁶⁶. In-nuqqas globali mistenni jidher mill-eżempju tal-litju u n-nikil fil-*Figura 6*.

⁶⁵ Analiżi mwettqa mill-QEA, ibbażat fuq *data* kkompilata mill-Ministeru Federali tal-Ġermanja għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Azzjoni dwar il-Klima u fuq id-dikjarazzjonijiet tal-kumpaniji.

⁶⁶ L-AIE, *Committed mine production and primary demand for lithium, 2020-2030*.

Figura 6 – Bilanċ globali bejn il-provvista u d-domanda għal-litju u n-nikil



Sors: iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, [Analiżi tal-isfidi tal-katina tal-provvista għall-batteriji](#), ix-xenarju tad-domanda medja għall-karbonat tal-litju u n-nikil raffinat. Sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-inċertezza inerenti għat-tbassir fit-tul, l-analiżi sħiħa tinkludi wkoll xenarji ta' domanda u provvista għoljin u baxxi.

52 Hemm riskju li t-tellieqa globali għal din il-materja prima se twassal għal nuqqasijiet fil-provvista u żidiet fil-prezzijiet li jistgħu jaffettwaw il-kompetittività tal-produzzjoni tal-batteriji tal-UE. Matul l-aħħar sentejn, il-prezz tan-nikil żdied b'aktar minn 70 %⁶⁷, u l-prezz tal-litju bi 870 %⁶⁸. L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija stmat li dawn iż-żidiet se jwasslu għal żieda ta' 15 % fil-prezz tal-pakketti tal-batteriji fl-2022⁶⁹.

53 In-nuqqas li jintwera hawn fuq huwa aggravat mir-riġidità fil-provvista:

- o iż-żminijiet meħtieġa tal-proġetti tal-estrazzjoni mill-iskoperta sal-ewwel produzzjoni, għalkemm ivarjaw ħafna skont il-minerali, il-post u t-tip ta' minjiera, huma twal – bħala medja bejn 12 u 16-il sena⁷⁰. Varjazzjonijiet fil-proċeduri tal-għoti ta' permessi, li f'xi każijiet jiġu ddelegati lil awtoritajiet reġjonali jew saħansitra lokali, jistgħu jżidu wkoll ma' dan. Dan jagħmel il-provvista minn sorsi primarji riġida u ma jkunx jista' jingħata rispons malajr għal żidiet fid-domanda. Osservajna sitwazzjoni bħal din fil-Portugall, li huwa l-Istat Membru bl-akbar riżervi magħrufa ta' litju fl-UE. Għalkemm ir-riżervi kienu diġà ġew ikkwantifikati fl-2017, u t-talbiet għal sfruttament wasslu mingħand operaturi li diġà huma attivi fiż-żoni kkonċernati, il-proċeduri ta' permess meħtieġa kienu għadhom għaddejjin f'Diċembru 2022. Anke jekk dan il-proċess jirnexxi, l-awtoritajiet ma jistennwx li l-isfruttament jibda qabel l-2026.

⁶⁷ Il-Bank Dinji, [Data dwar il-Prezz tal-Prodott Bażiku](#), Prezzijiet ta' kull xahar, *data* miksuba għall-perjodu bejn Diċembru 2020 u Diċembru 2022.

⁶⁸ Benchmark Mineral, [Lithium Price Assessment](#).

⁶⁹ L-AIE (2022), [Global EV Outlook 2022](#), p. 6.

⁷⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, l-EIP dwar il-materja prima, [Raw Materials Scoreboard](#), 2021, u l-AIE, [The Role of Critical Minerals in Clean Energy Transitions](#), 2021, abbażi ta' *data* minn S&P Global.

- o Sorsi sekondarji ta' materja prima, jiġifieri r-riċiklaġġ ta' prodotti fi tmiem ħajjithom, attwalment jimmitigaw din is-sitwazzjoni kritika tal-provvista sa ċertu punt biss, peress li jirrappreżentaw medja ta' 10 % biss tad-domanda għall-materjali⁷¹. Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, il-kontribut minn sorsi sekondarji ta' materja prima se jiżdied biss gradwalment u modestament: sal-2040 ir-riċiklaġġ u r-ruttam il-ġdid tal-produzzjoni se jirrappreżentaw medja ta' 25 % tal-konsum tal-materja prima ewlenija tal-batteriji, bl-ogħla ishja jkunu l-kobalt (51 %) u l-litju (42 %)⁷². Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar il-batteriji tistabbilixxi miri ġodda għar-riċiklaġġ u x'aktarx li jkollha kontribut pożittiv għall-provvista domestika ta' materja prima, li madankollu għadu ma jistax jiġi kkwantifikat.

54 F'dan l-isfond, osservajna li żewġ proġetti Ewropej tal-manifattura tal-batteriji appoġġati finanzjarjament mill-baġit tal-UE u eżaminati mill-awditu li wettaqna għandhom arranġamenti kuntrattwali li jiżguraw il-provvista ta' materja prima għal sentejn jew tliet snin biss tal-produzzjoni bil-quddiem. Lil hinn minn dak il-perjodu ta' żmien, il-kundizzjonijiet tal-provvista se jiddependu fuq in-negozjati mill-iżviluppaturi tal-proġetti, iżda se jitwettqu f'kuntest tal-iżbilanċ globali dejjem jikber li jintwera hawn fuq.

Il-Kummissjoni qed tfittex approċċ ġdid biex tiżgura l-provvista ta' materjali tal-batteriji

55 Għal aktar minn 10 snin, il-Kummissjoni kisbet aċċess għall-materja prima bl-użu ta' diversi għodod: in-negozjar ta' strumenti ta' politika kummerċjali biex jiġu żgurati provvisti minn pajjiżi terzi għonja fir-riżorsi, il-promozzjoni tal-produzzjoni domestika billi jiġu identifikati opportunitajiet ta' estrazzjoni u raffinar ibbażati fl-UE, u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' riċiklaġġ u sostituzzjoni permezz ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE. Dawn l-istess għodod jistgħu jinstabu fl-Inizjattiva dwar il-Materja Prima tal-2008⁷³, u anke fil-pjan ta' azzjoni tal-2018 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Materja Prima Kritika tal-2020. Madankollu, sa issa, l-isforzi tal-Kummissjoni ma rriżultawx f'titjib sinifikanti fid-dipendenzi strateġiċi tal-UE fuq il-materja prima.

⁷¹ Studju dwar il-lista tal-UE ta' materja prima kritika.

⁷² Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Materja Prima, [Raw materials in batteries – Analysis of supply chain challenges](#), il-Figura 4.

⁷³ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-inizjattiva dwar il-materja prima, COM(2008) 699.

56 Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat inizjattiva ġdida mmirata lejn it-tnaqqis tad-dipendenzi tal-UE f'dan il-qasam, fil-forma ta' proposta għal regolament magħruf bħala l-Att dwar il-Materja Prima Kritika⁷⁴. Minbarra l-identifikazzjoni tal-materja prima kritika u dik strateġika, ir-regolament propost jiffoka fuq tliet oqsma ġodda:

- l-appoġġ għal proġetti strateġiċi mmirati dwar il-materja prima, permezz ta' proċeduri simplifikati għall-ġoti tal-permessi u aċċess iffaċilitat għall-finanzjament;
- it-twaqqif ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-ktajjen tal-provvista tal-materja prima kritika u għall-mitigazzjoni tar-riskju, abbażi ta' network Ewropew ta' aġenziji nazzjonali tal-materja prima, il-koordinazzjoni tal-ħażniet strateġiċi, l-awditjar tal-ktajjen tal-provvista u x-xiri konġunt ta' materja prima strateġika; u
- l-istabbiliment ta' regoli komuni dwar iċ-ċirkolarità tas-swieq tal-materja prima kritika u dwar l-impronta ambjentali ta' dawn il-materjali.

Il-finanzjament pubbliku tal-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji huwa kkoordinat b'mod insuffiċjenti, jiddependi mill-post, u r-riżultati tiegħu ma jilħqux l-ambizzjonijiet

57 F'din it-taqsimha, nippreżentaw l-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE. Neżaminaw kif il-Kummissjoni tikkoordina l-allokazzjoni tagħha bejn il-fondi differenti u mal-finanzjament pubbliku nazzjonali u jekk dak l-appoġġ ġiex implimentat f'konformità ma' pjan direzzjonali teknoloġiku maqbul b'mod komuni. Irrieżaminajna r-riżultati li nkisbu mill-finanzjament tal-UE f'dan il-qasam fuq il-bażi ta' *data* disponibbli għall-pubbliku u, fuq kampjun ta' proġetti tar-R&I, jekk dawn eventwalment wasslux għal applikazzjonijiet fis-suq. Fl-aħħar nett, iwwalutajna wkoll jekk il-ħtieġa għal finanzjament tal-UE ġietx iwwerifikata kif xieraq meta ntgħażel il-proġett. L-**Anness I** jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-mod kif għażilna l-proġetti li eżaminajna fl-awditu li wettaqna.

⁷⁴ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika, [COM\(2023\) 160](#).

In-nuqqas ta' stampa ġenerali mill-Kummissjoni dwar il-flussi ta' ħruġ reali tal-finanzjament tal-UE u l-finanzjament nazzjonali jfixxkel il-koordinazzjoni

58 Bosta flussi ta' finanzjament minn sorsi tal-UE (bħall-programmi qafas Orizzont, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-FEŻR u s-self mill-BEI) u minn sorsi nazzjonali jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-proġetti fil-katina tal-valur tal-batteriji. Minbarra dan, l-RRF tista' tappoġġa wkoll il-katina tal-valur tal-batteriji f'dawk l-Istati Membri li l-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza kienu jinkludu stadji importanti u miri potenzjalment relatati mal-batteriji. Madankollu, l-Istati Membri normalment jintegraw tali proġetti relatati mal-batteriji f'investimenti usa' fil-mobbiltà elettrika, l-enerġija nadifa u r-riċerka. Il-pagamenti reali taħt l-RRF se jiddependu fuq il-proċessi tal-għażla ta' proġetti individwali fl-Istati Membri inkwistjoni, u fuq l-ilħuq tal-istadji importanti assoċjati ma' investment usa'.

59 Dan il-finanzjament tal-UE jikkomplementa l-finanzjament pubbliku nazzjonali, li jista' jkun jew dirett (eż. għotjiet, self jew garanziji, u ħelsien mit-taxxa) jew indirett (eż. sussidji għax-xiri ta' vetturi elettriċi jew apparati tal-iċċarġjar).

60 Matul dan l-awditu, identifikajna għotjiet u self tal-UE b'appoġġ għal investimenti fil-katina tal-valur tal-batteriji matul il-perjodu 2014-2020 b'valur ta' madwar EUR 1.7 biljun. Dawn il-flussi ta' finanzjament differenti huma mmaniġġjati jew issorveljati minn diversi servizzi tal-Kummissjoni, awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali, u l-BEI. Barra minn hekk, bejn l-2019 u l-2021, il-Kummissjoni awtorizzat għajnuna diretta mill-Istat f'ammont li jilħaq sa EUR 6 biljun għall-IPCEIs dwar il-batteriji. Appoġġ pubbliku addizzjonali jista' jiġi pprovdut ukoll fil-livell nazzjonali jew reġjonali mingħajr il-ħtieġa ta' notifika lill-Kummissjoni, jew minħabba li jkun jaqa' taħt ċerti eżenzjonijiet jew minħabba qafas temporanju dwar l-għajnuna mill-Istat.

61 It-**Tabella 1** tippreżenta l-ammont ta' appoġġ li identifikajna u l-**Anness IV** jipprovdi deskrizzjoni aktar komprensiva ta' kif dawn is-sorsi jappoġġaw proġetti differenti ta' riċerka u manifattura fil-katina tal-valur tal-batteriji.

Tabella 1 – Appoġġ finanzjarju tal-UE u dak nazzjonali għall-katina tal-valur Ewropea tal-batteriji

Sors ta' finanzjament	Tip ta' appoġġ	Immaniġġjat minn	2014-2020 (miljun EUR)	2021-2027 (miljun EUR)
Programmi Qafas tal-UE għar-R&I (Orizzont)	Għotjiet	Id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni	873	925 (predefiniti)
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fi Stati Membri magħżula	Għotjiet	Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u l-awtoritajiet maniġerjali fl-Istati Membri	319	Għadu għaddej
Fond għall-Innovazzjoni	Għotjiet	Id-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika	-	161 (sejħiet li għadhom għaddejjin)
Subtotal għall-għotjiet iffinanzjati mill-baġit tal-UE			1 192	1 086 (għadhom għaddejjin)
Bank Ewropew tal-Investment	Self b'garanziji baġitarji tal-UE	BEI	495	Għadu għaddej
Total tal-appoġġ tal-UE (għotjiet u self)			1 687	Għadu għaddej
Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni	Awtorizzazzjoni tal-għajjuna mill-Istat (forom differenti ta' appoġġ)	Finanzjament nazzjonali (sorveljanza mid-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni)	3 191	2 858

Sors: analiżi mwettqa mill-QEA, iċ-ċifri mhumiex eżawrjenti. L-għotjiet minn Orizzont, il-FEŻR, il-Fond għall-Innovazzjoni u s-self mill-BEI matul il-perjodu 2021-2027 jiddependu fuq il-proċessi ta' programmazzjoni u ppjanar li għadhom għaddejjin.

62 Madankollu, l-analiżi li wettaqna wriet ukoll li l-Kummissjoni ma għandhiex proċess biex jiġu kkonsolidati l-flussi differenti ta' finanzjament u biex tinkiseb stampa ġenerali ċara tal-kobor tagħhom. Dan huwa aggravat mill-fatt li l-ambitu tar-regoli għal kull fluss ta' finanzjament huwa wiesa' biżżejjed biex jippermetti duplikazzjonijiet potenzjali bejniethom: dment li ma jkunx hemm finanzjament doppju tal-istess elementi ta' kost, proġett uniku jew kategorija unika ta' proġett (riċerka, l-ewwel użi industrijali, manifattura) jistgħu jirċievu finanzjament minn sorsi differenti ta' finanzjament. Pereżempju, sibna li tliet partijiet ikkonċernati kkampjunati li l-attività ewlenija tagħhom hija relatata mal-manifattura tal-batteriji kienu qed jibbenefikaw simultanjament minn għajjnuna nazzjonali (permezz ta' IPCEI) u minn forma waħda jew aktar ta' appoġġ finanzjarju mill-UE. Osservajna wkoll li tliet proġetti kkampjunati li ġew iffinanzjati mill-FEŻR matul il-perjodu 2014-2020 qed jiżviluppaw teknoloġiji li jirċievu wkoll appoġġ minn Orizzont Ewropa matul il-perjodu 2021-2027.

63 Fir-rigward tal-FEŻR, in-nomenklatura adottata mill-Kummissjoni⁷⁵ għall-klassifikazzjoni ta' proġetti kkofinanzjati skont il-kategoriji ta' intervent ma tistabbilix kategorija speċifika għall-proġetti relatati mal-batteriji. Il-Kummissjoni ma għandhiex proċeduri fis-seħħ għall-monitoraġġ tal-ammont tan-nefqa taħt il-FEŻR allokata għall-katina tal-valur tal-batteriji, u lanqas l-awtoritajiet nazzjonali li żorna. Dan jimpedixxi l-monitoraġġ fl-UE kollha tal-livell ġenerali ta' sussidji allokat lill-industrija Ewropea tal-batteriji.

64 Dan in-nuqqas ta' stampa ġenerali tal-appoġġ finanzjarju reali tal-UE u dak nazzjonali għall-katina tal-valur tal-batteriji kombinat mal-ambitu wiesa' tal-flussi differenti ta' finanzjament jagħmilha wkoll aktar diffiċli għall-Kummissjoni biex tiżgura koordinazzjoni adegwata u mmirar xieraq tal-miżuri ta' appoġġ. Dan jikkorroborax l-osservazzjoni li saret fir-rapport preċedenti tagħna⁷⁶ li n-nuqqas ta' bażi ta' *data* interoperabbli bejn Orizzont u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ixekkel l-identifikazzjoni ta' sinerġiji u komplementarjetajiet bejn dawn il-fondi.

⁷⁵ Ir-Regolament (UE) 215/2014 dwar id-determinazzjoni tal-istadji importanti u l-miri fil-qafas tal-prestazzjoni u n-nomenklatura ta' kategoriji ta' intervent għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

⁷⁶ Ir-Rapport Speċjali 23/2022: "Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej – il-potenzjal kollu tagħhom għadu ma ntużax".

L-IPCEIs dwar il-batteriji jirrappreżentaw interess Ewropew komuni, iżda l-aċċess għall-finanzjament ivarja minn Stat Membru għal ieħor

65 F'Diċembru 2019, u għal darba oħra f'Jannar 2021, il-Kummissjoni approvat żewġ IPCEIs bit-tikketta IPCEI dwar il-Batteriji u EuBatIn (ara t-[Tabella 1](#)).

66 Għalkemm l-IPCEIs huma primarjament inizjattiva ta' Stat Membru, dawn fihom b'mod inerenti dimensjoni Ewropea minħabba l-għadd ta' Stati Membri parteċipanti u l-kollaborazzjonijiet preskritti bejn proġetti individwali. L-istruttura tagħhom, inkluża l-governanza tagħhom, tirrifletti l-interess Ewropew komuni tagħhom.

67 L-approvazzjoni segwiet proċess ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni tan-notifiki mibgħuta mill-Istati Membri dwar l-intenzjoni tagħhom li jipprovdu għajjnuna mill-Istat għal proġetti u kumpaniji speċifiċi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni rrieżaminat il-ħtieġa għal dawn il-proġetti, il-komplementarjetà tagħhom u, b'mod kruċjali, il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-għajjnuna li l-Istati kienu biħsiebhom jagħtu. Eventwalment, fiż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-appoġġ pubbliku għal dawk l-IPCEIs kien kompatibbli mar-regoli tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat⁷⁷.

68 Madankollu, il-parteeċipazzjoni fl-IPCEIs ma tiggarantix li s-siti ta' produzzjoni li jinsabu fi Stati Membri differenti jkollhom kundizzjonijiet ekwivalenti fl-aċċess għal finanzjament pubbliku. Nosservaw li:

- tliet Stati Membri (il-Ġermanja, Franza u l-Italja) jirrappreżentaw 87 % u 83 % tal-għajjnuna mill-Istat awtorizzata mill-IPCEI dwar il-Batteriji u l-IPCEI EuBatIn, rispettivament,
- id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw l-IPCEIs jikkorrispondu għal awtorizzazzjoni għall-Istati Membri biex jagħtu għajjnuna mill-Istat sal-ammonti preskritti, iżda ma jiġġeneraw l-ebda intitolament għall-kumpaniji parteċipanti għal tali għajjnuna jew kwalunkwe obbligu għall-Istati Membri biex effettivament iwassluha,

⁷⁷ L-Artikolu 107 tat-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea](#).

- o il-kumpaniji parteċipanti, li diġà għaddew minn proċedura tal-għażla fil-livell nazzjonali għall-inklużjoni fl-IPCEI, imbagħad jeħtiġilhom jiżguraw finanzjament reali permezz ta' varjetà ta' proċeduri differenti li jistgħu jinkludu finanzjament purament nazzjonali, finanzjament purament tal-UE, jew kombinament tat-tnejn. Mis-16-il proġett li kkampjunajna, 3 kienu ntgħażlu mill-Istati Membri biex jipparteċipaw fl-IPCEI dwar il-Batteriji tal-2019, irċevew l-approvazzjoni tal-Kummissjoni biex jagħmlu dan u aktar tard xorta kienu jeħtiġu japplikaw għall-finanzjament taħt il-FEŻR. Il-proċess kollu, mit-tnedija tas-sejthiet nazzjonali ta' qabel l-għażla sal-għoti tal-finanzjament tal-UE, dam bejn sentejn (Franza) u tliet snin u nofs (il-Polonja, fejn kienu meħtieġa kważi sentejn biex tiġi kkompletata applikazzjoni għal proġett kbir skont ir-regoli applikabbli tal-FEŻR)⁷⁸. F'każ separat relatat mal-IPCEI dwar il-Batteriji tal-2019, kumpanija waħda kienet saħansitra ġiet eskluża mill-proġett integrat wara li naqset milli tiżgura l-finanzjament taħt il-FEŻR.

69 In-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwivalenti fil-qafas finanzjarju li jappoġġa l-IPCEIs jinvolvi r-riskju li l-kumpaniji minn ċerti pajjiżi jaf ikollhom aċċess aktar faċli għall-IPCEIs. Il-kumpaniji jista' jkun li jiffaċċjaw ukoll dewmien qabel ma fil-fatt ikunu jistgħu jipparteċipaw u jikkollaboraw fl-IPCEIs, billi l-proċess biex jiġi żgurat il-finanzjament jieħu aktar żmien.

Il-Kummissjoni tejbet l-allinjament tal-finanzjament tagħha għar-riċerka dwar il-batteriji taħt Orizzont ma' pjan direzzjonali teknoloġiku

70 Sal-2017, ma kien hemm l-ebda pjan direzzjonali teknoloġiku maqbul b'mod komuni għall-UE kollha biex jiggwida lill-Kummissjoni (fil-każ ta' Orizzont) jew lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali (il-FEŻR) fl-istabbiliment ta' prioritajiet għal riċerka kkofinanzjata dwar il-batteriji b'mod komprensiv, jiġifieri li jkopri l-istadji kollha tal-katina tal-valur u l-livelli varji ta' thejjiġa tat-teknoloġiji rilevanti⁷⁹. Minbarra dan, il-finanzjament tal-UE għal proġetti relatati mal-batteriji kien mifrux fost sejthiet differenti li jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma tar-riċerka u teknoloġiji. Fil-każ ta' Orizzont 2020 (impenji ta' madwar EUR 500 miljun bejn l-2014 u l-2018), dan kien ifisser li proġetti speċifiċi għall-batteriji kienu qed jikkompetu għall-finanzjament ma' oħrajn f'sejthiet usa', kemm fir-rigward ta' vetturi ekoloġiċi, materja prima u materjali avvanzati, jew forom differenti ta' ħżin tal-enerġija. In-nuqqas ta' pjan direzzjonali

⁷⁸ L-Artikoli 100-103 tar-[Regolament \(UE\) Nru 1303/2013](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

⁷⁹ L-Anness G tal-Programm ta' [Ħidma 2014-2015 taħt Orizzont 2020](#).

teknoloġiku, pakketti predefiniti u proċessi ta' monitoraġġ speċifiċi għall-batteriji naqqas il-kapaċità tal-Kummissjoni li tmexxi l-finanzjament relatat u timmassimizza l-konsistenza bejn il-proġetti.

71 Mill-2017 'il hawn, il-Kummissjoni ppromwoviet l-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali teknoloġiċi speċifiċi għall-batteriji bbażati fuq il-kontributi mill-partijiet ikkonċernati industrijali, l-istituzzjonijiet ta' riċerka u l-Istati Membri. Dan wassal għall-Pjan ta' Implimentazzjoni SET tal-2017 dwar il-batteriji⁸⁰, lista ta' 10 attivitajiet tar-R&I, inklużi miri tekniċi u l-iskedi ta' żmien assoċjati. Mill-2018, dan il-pjan direzzjonali ġie gradwalment inkluż bħala sors ta' referenza għall-applikanti fis-sejħiet għal proposti taħt Orizzont, b'ċerti suġġetti rilevanti għall-katina tal-valur tal-batteriji.

72 Fit-twassil tal-pjan ta' azzjoni, fl-2019 il-Kummissjoni ddeċidiet li tniedi sejħiet pluriennali (2019-2020) taħt il-programm Orizzont 2020, speċifikament iddedikati għall-katina tal-valur tal-batteriji (impenji ta' EUR 272 miljun). Mill-15-il suġġett differenti relatati mal-batteriji f'dawk is-sejħiet, 8 kienu jirreferu għall-Pjan ta' Implimentazzjoni SET tal-2017 dwar il-batteriji. Madankollu, nosservaw li ġie impenjat ammont addizzjonali ta' EUR 100 miljun għal proġetti relatati mal-batteriji barra minn dawn is-sejħiet, u b'hekk ġiet estiża parzjalment id-dispersjoni osservata fil-perjodu 2014-2018.

73 L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni mill-Kummissjoni wasslet ukoll għal edizzjonijiet ġodda tal-pjan direzzjonali permezz tal-Aġenda Strateġika tar-Riċerka tal-2020⁸¹ u l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni tal-2021⁸². Il-Kummissjoni użat din tal-aħħar bħala l-bażi teknoloġika għall-ewwel sentejn tas-Sħubija Ewropea Koprogrammata fil-perjodu 2021-2027 taħt Orizzont Ewropa⁸³ (b'kontribuzzjoni massima tal-UE stmata għal EUR 925 miljun).

74 B'kuntrast ma' dan, sibna li l-awtoritajiet maniġerjali fl-Istati Membri taw appoġġ taħt il-FEŻR għal proġetti fil-kampjun tagħna mingħajr ma rrikjedew allinjament ma' kwalunkwe wieħed mill-pjanijiet direzzjonali teknoloġiċi promossi fil-livell Ewropew. Dan huwa primarjament minħabba l-fatt li l-finanzjament għall-batteriji kien

⁸⁰ Is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Pjan SET, [Batteries](#).

⁸¹ Il-Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni "Batteriji għall-Ewropa", [Aġenda Strateġika tar-Riċerka għall-batteriji](#), Diċembru 2020.

⁸² Is-Sħubija Ewropea tal-Batteriji, [Strategic Research & Innovation Aġenda](#), Settembru 2021.

⁸³ L-Artikolu 10 tar-[Regolament \(UE\) 2021/695](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.


tipikament ipprovdut taħt l-objettiv tematiku usa' 1 tal-FEŻR (it-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni) u li l-programmi operazzjonali korrispondenti, l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u s-sejħiet għal proposti ma kinux speċifiċi għall-katina tal-valur tal-batteriji.

75 L-analiżi li wettaqna ta' 15-il għotja għal proġetti tar-R&I fil-batteriji żvelat li 6 ma kinux iggwidati minn xi pjan direzzjonali teknoloġiku maqbul b'mod komuni u lanqas ma kienu jiffurmaw parti minn wieħed. F'żewġ każijiet addizzjonali, sibna li parti biss mill-ambitu tal-proġetti rispettivi kien jindirizza l-prijoritajiet tal-pjan direzzjonali. Il-fatt li pjan direzzjonali teknoloġiku ma jintużax b'mod sistematiku bħala wieħed mill-kriterji għall-għoti ta' finanzjament tal-UE għal proġetti tal-batteriji huwa ta' detriment għall-isforz tar-R&I tal-UE, minħabba li jżid ir-riskju ta' lakuni u duplikazzjonijiet fix-xogħol ta' riċerka mwettaq minn partijiet ikkonċernati differenti fil-livell tal-UE. Dan jifrex ukoll l-appoġġ tal-UE għall-batteriji fuq firxa wiesgħa ta' proġetti tar-R&I li mhux dejjem jikkontribwixxu għall-istrateġija teknoloġika komuni tal-UE.

L-isforz tar-R&I ffinanzjat mill-UE mhuwiex jilħaq l-ambizzjonijiet tiegħu

76 Kemm il-Pjan ta' Implimentazzjoni SET tal-2017 dwar il-Batteriji kif ukoll l-Aġenda Strateġika tar-Riċerka tal-2020 jistabbilixxu miri ta' prestazzjoni konkreti mistennija mill-isforz ta' riċerka propost mill-pjanijiet direzzjonali. Il-**Figura 7** tippreżenta l-linji bażi u l-miri għal indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni magħżula u turi li l-miri tal-2020 li ġew stabbiliti fl-2017 għadhom ma ntleħqux mill-partijiet ikkonċernati industrijali u dawk tar-riċerka li pparteċipaw f'dak il-pjan ta' implimentazzjoni.

Figura 7 – Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni magħżula ppreżentati fil-pjanijiet direzzjonali teknoloġiċi tal-2017 u l-2020 għall-batteriji awtomotivi



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-Pjan ta' Implimentazzjoni SET tal-2017 dwar il-batteriji u l-Aġenda Strateġika tar-Riċerka tal-2020.

77 Id-densità enerġetika skont il-linja bażi tal-2020 ma laħqitx il-mira stabbilita fil-Pjan SET għal dik is-sena b'madwar 30 %, filwaqt li l-kost ta' pakkett ta' batteriji baqa' aktar mid-doppju tal-mira tiegħu (EUR 200/kWh fl-2020 meta mqabbel ma' EUR 90/kWh mistennija fl-2022). Minkejja dawn in-nuqqasijiet, l-Aġenda Strateġika tar-Riċerka tal-2020 tkompli żżid l-ambizzjoni għall-2030, bl-għan li l-miri tad-densità enerġetika jkunu ogħla minn dawk previsti fil-Pjan ta' Implimentazzjoni SET tal-2017.

78 Dan in-nuqqas fir-riżultati huwa kkorroborat mill-analiżi li wettaqna tat-tmien proġetti tar-R&I kkompletati inklużi fil-kampjun tagħna. Minn dawn, tnejn wettqu bis-sħiħ il-wegħdiet tekniċi tagħhom, filwaqt li sitta oħra laħqu biss parzjalment il-miri tekniċi li inizjalment kienu jimmiraw għalihom. Għalkemm il-biċċa l-kbira mill-proġetti awditjati rriżultaw f'aktar riċerka u/jew ikkontribwew għall-preżentazzjoni ta' privattivi relatati mal-batteriji, l-ebda wieħed ma seta' juri li t-teknoloġija jew il-prototip żviluppat kien irnexxielu jidħol fis-suq.

79 Madankollu, anke fejn il-proġetti kkofinanzjati kienu qed jikkontribwixxu għal pjan direzzjonali teknoloġiku speċifiku, sibna li l-awtoritajiet awtorizzanti rispettivi (il-Kummissjoni fil-każ ta' Orizzont 2020, u l-awtoritajiet maniġerjali nazzjonali jew reġjonali fil-każ tal-FEŻR) ma jimmonitorjawx sa liema punt l-ikkompletar tal-proġett wassal għal progress lejn il-miri tekniċi previsti mill-pjanijiet direzzjonali. Minflok, huma jiffukaw fuq il-monitoraġġ tal-outputs – tipikament rapporti ta' riċerka jew prototipi – kif stabbilit fil-ftehimiet ta' għotja. Barra minn hekk, la hemm proċedura maqbula għat-trażmissjoni ta' riżultati tekniċi bħal dawn miksuba minn proġetti ffinanzjati mill-UE u

lanqas korp iddedikat inkarigat mill-aggregazzjoni u l-analiżi tagħhom. Konsegwentement, ma hemm l-ebda informazzjoni konsolidata dwar ir-riżultati tal-proġetti kkofinanzjati jew dwar il-progress teknoloġiku miksub. Dan ifixkel il-valutazzjoni tal-effettività tal-isforz tal-UE biex jiġu żviluppati batteriji tal-UE bi prestazzjoni aħjar.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet maniġerjali nazzjonali spiss ma jivvalutawx il-ħtieġa għal finanzjament tal-UE għar-riċerka dwar it-teknoloġiji tal-batteriji

80 L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni għandhom livell inerenti ta' inċertezza fir-rigward tar-riżultati tagħhom. L-appoġġ finanzjarju minn sorsi nazzjonali jew tal-UE jikkontribwixxi għall-kondiviżjoni tar-riskji involuti, u b'hekk jippermetti li l-partijiet ikkonċernati privati jimplimentaw ċerti proġetti li kieku ma jkunux lesti li jwettqu. Barra minn hekk, b'mod partikolari fil-każ tal-programmi Orizzont, il-kofinanzjament tal-UE jippermetti wkoll li r-riċerka titwettaq f'kollaborazzjoni mas-sħab internazzjonali, u b'hekk jizjeddu t-tixrid tar-riżultati u l-kondiviżjoni tal-esperjenza. Dan huwa saħansitra aktar probabbli meta l-proġetti ta' riċerka jkunu parti minn pjan direzzjonali teknoloġiku maqbul b'mod komuni, kif deskritt fil-paragrafu [71](#).

81 Madankollu, l-analiżi li wettaqna ta' kampjun ta' proġetti tar-R&I ffinanzjati mill-UE wriet li l-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni ta' Orizzont 2020 jew il-FEŻR mhux dejjem jinkludu valutazzjoni tal-ħtieġa għal finanzjament pubbliku fil-proċeduri tal-għażla tal-proġetti tagħhom. Fi 15-il għotja eżaminata taħt Orizzont u taħt il-FEŻR, sibna li tali ħtieġa ma ntwerietx f'5 għotjiet taħt Orizzont, jew minħabba li l-proġett kien ikopri teknoloġiji li diġà kellhom livell għoli ta' maturità li potenzjalment setgħu jiġu ffinanzjati mill-atturi tas-suq waħidhom; jew minħabba li l-iżviluppaturi tal-proġetti kienu partijiet ikkonċernati industrijali li diġà kellhom attività tar-R&I minn qabel fit-teknoloġija relatata u interess kummerċjali assoċjat.

82 Analiżi kost-benefiċċji li turi diskrepanza fil-finanzjament tkun tgħin biex tiġi vvalutata l-ħtieġa għal finanzjament tal-UE fi proġetti ta' riċerka b'livelli għoljin ta' maturità teknoloġika. L-applikanti kellhom biss jippreżentaw dawn l-analiżijiet f'każijiet fejn il-proġett kien parti minn IPCEI (3 minn 15-il għotja tar-R&I fil-kampjun tagħna). Barra minn hekk, nosservaw li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw iż-żewġ IPCEIs dwar il-batteriji jinkludu mekkaniżmu ta' rkupru li jobbliga lill-benefiċjarji jirritornaw il-finanzjament pubbliku fejn l-implimentazzjoni reali tal-proġett turi li d-diskrepanza stmata fil-finanzjament kienet eċċessiva. Madankollu, tali mekkaniżmu ma jagħtix speċifikament mandat lill-Istati Membri biex jirritornaw il-finanzjament relatat lill-baġit tal-UE.

83 Ir-riskju ta' effett deadweight fuq l-appoġġ tal-UE għall-istadji tar-R&I li jiġu aktar tard u għall-ewwel użi industrijali huwa saħansitra aktar rilevanti minħabba r-rata li biha l-kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji attwalment qed tespandi fl-UE.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

84 B'mod ġenerali, nikkonkludu li l-promozzjoni mill-Kummissjoni ta' politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji kienet effettiva, minkejja nuqqasijiet fil-monitoraġġ, fil-koordinazzjoni u fl-immirar, kif ukoll il-fatt li l-aċċess għall-materja prima jibqa' sfida strateġika ewlenija għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE.

85 Fil-biċċa l-kbira, il-Kummissjoni wettqet il-pjan ta' azzjoni strateġiku tagħha tal-2018 dwar il-batteriji. Kisbiet sinifikanti jinkludu l-ħolqien ta' pjattaformi għall-partijiet ikkonċernati li jinkludu l-katina tal-valur kollha, il-proposta għal regolament ġdid dwar il-batteriji li jespandi b'mod sinifikanti l-ambitu tal-qafas leġislativ preċedenti, u appoġġ finanzjarju akbar għall-proġetti ta' riċerka, innovazzjoni u manifattura, inkluża l-għajnuna nazzjonali permezz ta' żewġ Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) (il-paragrafi **18-29**).

86 Fl-istess ħin, sibna li għalkemm il-pjan ta' azzjoni strateġiku jidentifika għanijiet strateġiċi rilevanti, huwa ma jistabbilix miri korrispondenti kwantifikati u marbuta biż-żmien, l-aktar notevolment fir-rigward tal-produzzjoni mistennija tal-batteriji fl-UE. Dan jagħmilha aktar diffiċli għall-Kummissjoni biex timmonitorja jekk l-akkumulazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji tal-UE hijiex suffiċjenti biex jintlaħqu l-miri ta' emissjonijiet żero stabbiliti għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vannijiet fl-2035; jew jekk humiex se jintlaħqu fil-biċċa l-kbira fuq il-bażi ta' batteriji jew vetturi elettriċi importati, għad-detriment tal-katina tal-valur Ewropea tal-batteriji u l-impjiegi assoċjati. Huwa jżid ukoll l-inċertezza dwar is-sigurtà tal-provvista tal-materja prima meħtieġa biex tiġi sostnuta l-produzzjoni Ewropea (il-paragrafi **30-38**).

87 Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-batteriji bbażata fl-UE, għalkemm għadha limitata, qed tiżviluppa rapidament u tista' tissodisfa d-domanda mistennija tal-UE għall-batteriji tal-vetturi elettriċi sal-2025. Madankollu, l-użu reali ta' din il-kapaċità jista' jitqiegħed f'riskju jekk il-manifatturi tal-batteriji jkunu attirati minn inċentivi finanzjarji offriti minn reġjuni oħra tad-dinja; jew jekk il-kompetittività tagħhom tiġi compromessa minn żidiet fil-prezz tal-materja prima jew tal-enerġija, li jwassluhom biex inaqqsu l-miri kumplessivi tal-produzzjoni tagħhom (il-paragrafi **39-47**).

88 Minkejja l-inizjattivi tal-Kummissjoni li jmorru lura għall-2008, il-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE tibqa' dipendenti ħafna fuq il-provvisti barranin u tiffaċċja nuqqas imminenti ta' materja prima tal-batteriji, b'mod partikolari wara l-2030. Dan huwa minħabba l-effetti kkombinati ta' żieda fid-domanda globali, xprunata l-aktar mill-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq, u l-limitazzjonijiet fil-provvista domestika tal-UE ta' materja prima, li hija kemm skarsa kif ukoll riġida: il-proġetti tal-estrazzjoni għandhom żminijiet meħtieġa bejn l-esplorazzjoni u l-produzzjoni li huma twal, u r-riċiklaġġ ta' batteriji fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom għadu limitat. Reċentement il-Kummissjoni ressqet proposta għal Att dwar il-Materja Prima Kritika li għandu l-għan li jreġġa' lura din is-sitwazzjoni (il-paragrafi [48-56](#))

89 Bosta flussi ta' finanzjament tal-UE u finanzjament nazzjonali jappoġġaw proġetti ġodda ta' riċerka u manifattura tal-batteriji. B'mod ġenerali, mill-2014 'il hawn, il-baġit tal-UE pprovda mill-inqas EUR 1.7 biljun f'għotjiet u garanziji għal self, li jżidu mal-għajjnuna mill-Istat f'ammont li jilħaq sa EUR 6 biljun għall-industrija Ewropea tal-batteriji, li ġiet innotifikata mill-Istati Membri u awtorizzata mill-Kummissjoni bejn l-2019 u l-2021. Madankollu, il-fatt li l-Kummissjoni ma għandhiex proċess biex jiġu kkonsolidati l-flussi ta' finanzjament u biex tinkiseb stampa ġenerali ċara tal-kobor tagħhom jagħmilha aktar diffiċli biex jiġi żgurat li l-appoġġ ikun ikkoordinat b'mod adegwat u mmirat b'mod xieraq. Dan jimpedixxi wkoll il-monitoraġġ fl-UE kollha tal-livell ġenerali ta' sussidji allokat li lil din l-industrija. Barra minn hekk, iż-żewġ IPCEIs relatati mal-batteriji, li l-Kummissjoni awtorizzat sa issa, ma jipprovdux kundizzjonijiet ekwivalenti fl-aċċess għall-għajjnuna mill-Istat. Il-parteċipanti individwali jeħtiġilhom jgħaddu minn varjetà ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament skont fejn ikunu jinsabu l-investimenti tagħhom, u din hija sitwazzjoni ta' detriment għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġett kumplessiv (il-paragrafi [57-69](#)).

90 Matul iż-żmien, il-Kummissjoni tejbet l-allinjament tal-finanzjament mill-qafas Orizzont ma' pjan direzzjonali teknoloġiku komuni żviluppat mill-partijiet ikkonċernati tul il-katina tal-valur u mill-istituzzjonijiet ta' riċerka. Madankollu, il-miri tekniċi stabbiliti fid-diversi edizzjonijiet ta' dak il-pjan direzzjonali mhux dejjem qed jintlaħqu u l-ħtieġa għal finanzjament tal-UE fil-livell tal-proġetti spiss ma tiġix iwwalutata. Dan huwa partikolarment minnu għal stadji aktar avvanzati tar-riċerka u l-innovazzjoni u għall-ewwel użi industrijali, minħabba d-dħul iġġenerat fis-suq għall-batteriji li qed jikber rapidament (il-paragrafi [70-83](#)).

Rakkomandazzjoni 1 – Jiġi aġġornat il-pjan ta'azzjoni strateġiku dwar il-batteriji, b'fokus partikolari fuq l-iżgurar tal-aċċess għall-materja prima

Wara l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni għal Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġorna l-istrateġija tagħha għal katina tal-valur Ewropea tal-batteriji li tkun sostenibbli u kompetittiva. Jenħtieġ li strateġija mġedda:

- (a) tirrifletti l-evoluzzjoni globali tas-settur tal-batteriji mill-2018 'il hawn kif ukoll l-isfidi strateġiċi attwali tiegħu, speċjalment l-aċċess għall-materja prima;
- (b) tinkludi miri kwantifikati u marbuta biż-żmien għall-għanijiet doppji li tinkiseb newtralità klimatika u settur kompetittiv tal-karozzi fl-UE. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-miri għall-produzzjoni domestika tal-batteriji jkunu konsistenti mal-projbizzjoni tal-2035 fuq l-emissjonijiet għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vannijiet, u mal-provvista tal-materja prima u l-materjali avvanzati meħtieġa biex tiġi sostnuta dik il-produzzjoni.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.

Rakkomandazzjoni 2 – Jissaħħaħ il-monitoraġġ b'*data* regolari, aġġornata u komprensiva

Wara l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni għal Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u Att dwar il-Materja Prima Kritika, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) issaħħaħ il-monitoraġġ tagħha tal-katina tal-valur tal-batteriji billi tibbażaha fuq *data* f'waqtha u verifikabbli b'mod indipendenti, biex b'hekk tkun tista' tittraċċa l-progress reali lejn l-oġettivi tal-UE u tirċievi twissijiet dwar riskji potenzjali għall-ilħuq tagħhom;
- (b) tiżgura li l-monitoraġġ ikopri l-istadji kritiċi tal-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE. Jenħtieġ li d-*data* tinkludi b'mod partikolari l-produzzjoni reali tal-batteriji, imkejla f'gigawatt-siegħa, u l-produzzjoni domestika tal-materja prima prinċipali u tal-materjali avanzati prinċipali meħtieġa biex jitwasslu l-ġenerazzjonijiet attwali u futuri ta' batteriji. Fejn possibbli, jenħtieġ li tali monitoraġġ ikun ibbażat fuq proċessi eżistenti fil-korpi tal-UE bħall-Eurostat u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.

Rakkomandazzjoni 3 – Tittejjeb l-istampa ġenerali tal-finanzjament tal-UE għall-katina tal-valur tal-batteriji

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tibni u żżomm stampa ġenerali konsolidata tad-diversi sorsi ta' finanzjament tal-UE u, fejn l-informazzjoni tkun disponibbli, dawk nazzjonali li jipprovdu appoġġ finanzjarju għal proġetti fil-katina tal-valur tal-batteriji.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.

Rakkomandazzjoni 4 – Jittejbu l-koordinazzjoni u l-immirar tal-finanzjament tal-UE għall-katina tal-valur tal-batteriji

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni ttejjeb il-koordinazzjoni u l-immirar tal-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-katina tal-valur tal-batteriji, filwaqt li tiegħu kont tal-finanzjament nazzjonali li diġà ġie pprovdut lill-industrija. Biex tilħaq dak l-għan, jenħtiegħ li hija:

- (a) isaħħaħ il-koordinazzjoni bejn Orizzont Ewropa, il-FEŻR u l-Fond għall-Innovazzjoni għall-finanzjament tal-katina tal-valur tal-batteriji, biex b'hekk jissaħħaħ l-impatt tal-finanzjament tal-UE;
- (b) tiegħu azzjoni biex tqajjem kuxjenza fost l-awtoritajiet manigġerjali tal-FEŻR fl-Istati Membri u l-atturi rilevanti tal-industrija dwar pjan direzzjonali teknoloġiku maqbul b'mod komuni għall-batteriji;
- (c) tiżgura li l-ħtieġa għal finanzjament tal-UE tiġi vvalutata b'mod adegwat fl-istadju tal-għażla tal-proġetti, b'mod partikolari għall-proġetti ta' riċerka mmirati lejn livelli ogħla ta' tħejjija teknoloġika jew għall-ewwel użi industrijali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.

Rakkomandazzjoni 5 – Jiġi żgurat li l-parteciċipanti kollha fi Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni dwar il-batteriji jkollhom kundizzjonijiet ekwivalenti fl-aċċess għall-appoġġ finanzjarju pubbliku

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni tiżgura li l-parteciċipanti potenzjali f'IPCEI dwar il-batteriji jkollhom kundizzjonijiet ekwivalenti fl-aċċess għall-finanzjament pubbliku u l-appoġġ finanzjarju, sabiex il-kollaborazzjonijiet previsti mill-IPCEI jkunu jistgħu jiġu implimentati kif skedat. Għal dan il-fini, fil-kriterji tagħha għall-analiżi tal-IPCEIs, jenħtiegħ li hija tinkludi rekwiżit li n-notifiki mill-Istati Membri jkun fihom perġodi ta' żmien speċifiċi għall-forniment ippjanat tal-għajjnuna mill-Istat ladarba tkun ġiet approvata mill-Kummissjoni.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sra Annemie Turtelboom,
Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-26 ta' April 2023.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

Annessi

Anness I – Kampjun ta' proġetti ffinanzjati mill-UE fil-katina tal-valur tal-batteriji li ġew eżaminati għal dan l-awditu

- o Ikkompilajna lista ta' proġetti relatati mal-batteriji li għalihom ingħata finanzjament tal-UE fil-perjodu 2014-2020, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni (għal Orizzont 2020) u mill-awtoritajiet maniġerjali nazzjonali jew reġjonali (għall-FEŻR). Mill-Bank Ewropew tal-Investment, ksibna wkoll lista ta' self rilevanti li huwa kien iffinanzja bl-appoġġ tal-baġit tal-UE. Ma għażilniex proġetti ffinanzjati permezz tal-RRF, billi dawn il-proġetti kienu biss fi stadju bikri ta' implimentazzjoni fiż-żmien meta wettaqna l-awditu.
- o Minn dik il-popolazzjoni, ħadna kampjun ta' proġetti, billi użajna bħala kriterji tal-għażla l-materjalità tal-proġetti u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kopertura tal-istadji differenti tal-katina tal-valur, l-istadji differenti tal-maturità teknoloġika u l-istadji differenti tal-implimentazzjoni tal-proġetti (li għadhom għaddejjin jew ġew ikkompletati). Matul dan il-proċess, għażilna 16-il proġett parzjalment jew kompletament imwettqa f'5 Stati Membri: il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja u l-Iżvezja. Dan il-kampjun totali jista' jiġi kkategorizzat kif jidher hawn taħt:

Sors ta' finanzjament	Forma ta' appoġġ	Natura tal-proġetti	Elementi fil-kampjun
Orizzont 2020	Għotjiet	Attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni	7
FEŻR	Għotjiet	Riċerka, żvilupp teknoloġiku u innovazzjoni	8
Għotjiet totali b'appoġġ għall-proġetti tar-R&I			15
FEIS	Garanzija għal self	Manifattura	1
Total tal-proġetti kkampjunati			16

Sors: il-QEA.

Anness II – Analiżi mwettqa mill-QEA fir-rigward tal-azzjonijiet magħżula fil-pjan ta' azzjoni strateġiku tal-2018 dwar il-batteriji

Oqsma u azzjonijiet strateġiċi ddefiniti fil-pjan ta' azzjoni	Outputs imwassla	Data tat-twassil
1. Tiġi żgurata l-provvista sostenibbli tal-materja prima		
Tibni fuq il-lista tal-UE ta' Materja Prima Kritika, stabbilita fl-2017, sabiex tfassal id-disponibbiltà tal-materja prima primarja attwali u futura għall-batteriji; tivvaluta l-potenzjal fl-UE f'dak li għandu x'jaqsam ma' provvista ta' materja prima għall-batteriji	Studju dwar il-lista tal-UE ta' Materja Prima Kritika – Skedi Informattivi Critical raw materials for strategic technologies and sectors in the EU – A Foresight study COM(2020) 474 – Lista u pjan ta' azzjoni tal-UE tal-2020 dwar il-Materja Prima Kritika	2020
Tuża l-istrumenti kollha xierqa tal-politika kummerċjali (bħall-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles) biex jiġi żgurat aċċess ġust u sostenibbli għall-materja prima f'pajjiżi terzi	Sħubijiet strateġiċi mal-Kanada u mal-Ukrajna, l-ebda ftehim ta' kummerċ ħieles mal-akbar fornituri ta' materja prima ewlenija (iċ-Ċina, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-Awstralja)	2021
2. Appoġġ għal proġetti Ewropej li jkopru segmenti differenti tal-katina tal-valur tal-batteriji, inkluża l-manifattura taċ-ċelluli		
Wara talba mir-reġjuni interessati u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri rilevanti, tiffaċilita l-iżvilupp ta' "sħubija interreġjonali f'dak li għandu x'jaqsam mal-batteriji" fil-qafas tal-pjattaformi tematiċi eżistenti ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti dwar l-enerġija jew il-modernizzazzjoni industrijali	Materjali Avanzati għas-Sħubija tal-Batteriji	2020
Tistabbilixxi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BEI, portal iddedikat għall-finanzjament ta' batteriji biex jiffaċilita l-aċċess tal-partijiet ikkonċernati għal appoġġ finanzjarju xieraq u jassisti f'kull taħlita ta' strumenti finanzjarji	/	/
Timpenja ruħha fi djalogu regolari mal-Istati Membri rilevanti biex tesplora modi effiċjenti biex tapoġġa b'mod konġunt il-proġetti ta' manifattura innovattivi li jmorru lil hinn mill-oġġla livell ta' żvilupp tekniku u tiġbor bl-aħjar mod ir-riżorsi nazzjonali u tal-UE għal dak il-għan. Dan jista' pereżempju jieħu l-forma ta' Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni	IPCEI dwar il-Batteriji IPCEI EuBatIn	2019 2021

Oqsma u azzjonijiet strateġiċi ddefiniti fil-pjan ta' azzjoni	Outputs imwassla	Data tat-twassil
3. Tisħiħ tar-rwol tat-tmexxija industrijali permezz ta' aktar appoġġ min-naħa tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni li jkopri l-katina kollha tal-valur		
Tniedi sejħiet fl-2018 u l-2019 għal proposti għal ammont totali ta' EUR 110 miljun għal proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni relatati mal-batteriji (minbarra EUR 250 miljun diġà allokati għal batteriji taħt Orizzont 2020; flimkien ma' EUR 270 miljun li għandhom jiġu allokati b'sostenn għall-proġetti ta' grilji intelliġenti u ta' ħżin ta' enerġija kif imħabbar fil-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha)	Il-Programm ta' Ħidma Orizzont 2020 għall-perjodu 2018-2020: LC-BAT-2019-2020 sejħiet għal proposti speċifiċi għall-batteriji	2019
Tappoġġa l-ħolqien ta' Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni (ETIP) biex tавvanza l-prijoritajiet tar-riċerka tal-batteriji, tiddefinixxi l-viżjonijiet fit-tul, u telabora aġenda ta' riċerka strateġika u pjanijiet direzzjonali. It-tmexxija tal-ETIP se tkun f'idejn il-partijiet ikkonċernati industrijali, il-komunità tar-riċerka u l-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tappoġġa l-istabbiliment ta' proċess u se tikkontribwixxi fl-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom.	Il-Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni dwar il-batteriji "Batteriji għall-Ewropa"	2018
Tappoġġa l-innovazzjoni rivoluzzjonarja għall-ħolqien tas-swieq f'oqsma bħall-batteriji permezz tal-iskema pilota tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. Din l-iskema pilota tista' tkun ta' għajjnuna għat-teknoloġija rivoluzzjonarja tal-batteriji (mistennija li tkun parti minn proġetti għall-applikazzjonijiet fit-trasport, is-sistema tal-enerġija, il-manifattura, eċċ.)	Il-Programm ta' Ħidma Orizzont 2020 għall-perjodu 2018-2020: is-sejħiet EIC-SMEInst-2018-2020 u EIC-FETPROACT-2019-2020	2019

Oqsma u azzjonijiet strateġiċi ddefiniti fil-pjan ta' azzjoni	Outputs imwassla	Data tat-twassil
4. Żvilupp u tiżiħ ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għolja fil-partijiet kollha tal-katina tal-valur		
Timmappja l-ħiliet meħtieġa tul il-katina tal-valur, filwaqt li jiġu identifikati wkoll mezzi biex jimtela l-vojt u l-iskadenza rilevanti għall-implimentazzjoni.	Tnedija tal-Alleanza għall-Kwalifiki u t-Taħriġ dwar it-Teknoloġiji tal-Batteriji (ALBATTs)	2019
Tiftaħ l-aċċess għal-laboratorji tal-ittestjar tal-batteriji fl-UE ospitati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni għall-ħiliet u l-bini ta' kapaċitajiet.	Ittestjar tal-ħżin tal-Enerġija tal-Batteriji għal laboratorju tat-Trasport Elettiku Sikur – is-sejthiet 2018-1-RD-BESTEST u 2019-1-RD-BEST	2018
Tipproponi l-batteriji bħala suġġett ewlieni għall-finanzjament fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-ħiliet sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' ħiliet fit-terminu qasir u medju tul il-katina tal-valur tal-batteriji	Tnedija tal-Alleanza għall-Kwalifiki u t-Taħriġ dwar it-Teknoloġiji tal-Batteriji (ALBATTs)	2019
Tgħin lill-universitajiet u lil istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni/tat-taħriġ biex jitħejjew korsijiet ġodda ta' lawrja f'kooperazzjoni mal-industrija	Tnedija tal-Akkademja tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji	2021
5. Sostenn għal katina tal-valur tal-batteriji sostenibbli – jiġifieri rekwiżiti għall-produzzjoni ta' batteriji sikuri u sostenibbli – bħala mutur ewlieni għall-kompetittività fl-UE		
Tivvaluta l-miri attwali tal-ġbir u tar-riċiklaġġ għal batteriji fi tmiem il-ħajja tagħhom, fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Batteriji inkluż l-irkupru ta' materjali (il-valutazzjoni mistennija titlesta f'Settembru 2018).	SWD(2019) 1300 – Evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi	2019
Tniedi studju dwar il-fatturi determinanti ewlenin għall-produzzjoni ta' batteriji sikuri u sostenibbli ("ekoloġiċi")	SWD(2020) 335 – Rapport ta' Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji"	2020
Rekwiżiti "tad-disinn u tal-użu" ta' sostenibbiltà tal-batteriji biex il-batteriji kollha jikkonformaw magħhom meta jitqiegħdu fis-suq tal-UE (dan jinkludi valutazzjoni u l-adegwatezza tal-istrumenti regolatorji differenti bħad-Direttiva tal-Ekodiżinn u r-Regolament tat-Tikkettar tal-Enerġija u d-Direttiva tal-UE dwar il-Batteriji)	SWD(2020) 335 – Rapport ta' Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji"	2020
6. Żgurar ta' konsistenza mal-qafas usa' regolatorju u ta' abilitazzjoni		
/	/	/

Sors: Analiżi mwettqa mill-QEA tal-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku dwar il-Batteriji.

Anness III – Kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji għal kull Stat Membru: attwali (2022) u ppjanata (2025 u 2030) (f'GWh/sena)

Stat Membru	Kapaċità attwali	Kapaċità 2025	Kapaċità 2030 (min.)	Kapaċità 2030 (mass.)
Iċ-Ċekja	0	1	1	1
Il-Finlandja	0	0	0	0
Franza	0	40	64	122
Il-Ġermanja	0	155	151	416
L-Ungerija	38	58	178	188
L-Italja	0	77	76	118
Il-Polonja	15	50	50	65
Il-Portugall	0	15	45	45
Is-Slovakkja	0	0	10	10
Spanja	2	28	42	72
L-Iżvezja	16	96	96	160
Total	71	520	713	1 197

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* kkompilata mill-Ministeru Federali tal-Ġermanja għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Azzjoni dwar il-Klima u fuq il-monitoraġġ tad-dikjarazzjonijiet tal-kumpaniji.

Anness IV – Il-finanzjament tal-UE u l-finanzjament nazzjonali tal-katina tal-valur tal-batteriji

- Il-**programm Orizzont** huwa l-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa, b'baġit totali ta' kważi EUR 80 biljun għall-perjodu 2014-2020 u aktar minn EUR 100 biljun għall-perjodu 2021-2027. Huwa jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-firxa kollha ta' attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjoni u innovazzjoni. Matul il-perjodu 2014-2020, Orizzont 2020 iffinanzja 307 proġetti ta' riċerka fil-qasam tal-batteriji, b'valur totali ta' madwar EUR 873 miljun.
- Il-**Fond għall-Innovazzjoni**, li nħoloq aktar reċentement, jiffoka fuq proġetti maturi li għandhom l-għan li jiffinanzjaw teknoloġiji, proċessi jew prodotti innovattivi ħafna u li għandhom potenzjal sinifikanti biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Bejn l-2021 u l-2022, il-Fond ta madwar EUR 161 miljun lil tmien proġetti bħal dawn fil-qasam tal-batteriji.
- Il-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali** huwa strument ewlieni tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE. Taħt ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, l-ambitu tiegħu jinkludi, b'rilevanza għall-katina tal-valur tal-batteriji, mhux biss ir-riċerka teknoloġika u applikata (bħal Orizzont), iżda wkoll l-infrastruttura tar-riċerka, il-linji pilota, l-azzjonijiet ta' validazzjoni bikrija tal-prodotti, il-kapaċitajiet ta' manifattura avvanzati u l-ewwel produzzjoni. Stajna nidentifikaw 459 proġett rilevanti f'14-il Stat Membru, li għalihom il-FEŻR ikkontribwixxa b'madwar EUR 319-il miljun.
- Il-**Bank Ewropew tal-Investiment** jipprovdi finanzjament għal proġetti eliġibbli tar-R&I u investimenti innovattivi bħall-iżvilupp ta' proċessi metallurġiċi, linji pilota u faċilitajiet għall-manifattura tal-batteriji. Bl-appoġġ tal-garanziji tal-UE, il-bank ikkuntratta EUR 495 miljun f'self fil-perjodu 2014-2020 b'appoġġ għal seba' proġetti fil-katina tal-valur.
- Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern. Madankollu, fejn inizjattivi privati li jappoġġaw l-innovazzjoni jonqsu milli jimmaterjalizzaw minħabba r-riskji sinifikanti li tali proġetti jinvolvu, **Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni** jippermetti li l-Istati Membri jeliminaw id-diskrepanza billi jingħaqdu flimkien biex jegħlbu dawn il-fallimenti tas-suq u jagħtu spinta lit-twerttiq ta' proġetti innovattivi. L-Istati Membri jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jipprovdu għajnuna mill-Istat taħt IPCEI u dik in-notifika

mbagħad tiġi vvalutata skont kriterji ppubblikati⁸⁴. Fil-qasam tal-batteriji, il-Kummissjoni approvat IPCEI wieħed fl-2019 u ieħor fl-2021, u pprovdiet għajnuna mill-Istat awtorizzata kkombinata ta' madwar EUR 6 biljun.

⁸⁴ C(2021) 8481.

Abbrevjazzjonijiet

BEI: Bank Ewropew tal-Investment

FEIS: Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi

FEŻR: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

GWh: Gigawatt-siegħa

H2020: Orizzont 2020

IPCEI: Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni

KWh: Kilowatt-siegħa

Pjan SET: Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija

R&I: Riċerka u innovazzjoni

RRF: Faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza

Glossarju

Ċellula tal-batterija: Unità bażika ta' batterija, li tikkonsisti f'elettrodu pożittiv (**katodu**), elettrodu negattiv (**anodu**), sustanza ta' konduzzjoni (**elettrolit**) u separator.

Deadweight: Sitwazzjoni fejn attività ffinanzjata mill-UE kienet tibqa' għaddejja anke li kieku ma rċevietx għajjnuna pubblika.

Densità enerġetika: Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni għall-batteriji, tipikament ippreżentat bħala densità tal-enerġija gravimetrika (ammont ta' enerġija f'batterija għal kull piż) u densità tal-enerġija volumetrika (ammont ta' enerġija f'batterija għal kull volum).

Enerġija rinnovabbli intermittenti: Enerġija minn sors li ma jiġġenerax kontinwament, bħall-enerġija mix-xemx jew mir-riħ.

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġi stimulat l-irkupru, filwaqt li tiġi promossa t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.

Finanzjament imħallat: Il-prattika li permezz tagħha l-finanzjaturi pubbliċi u dawk privati jgħaqqdu għotjiet tal-UE ma' self jew ekwità.

Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali: Fond tal-UE li jqawwi l-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE billi jiffinanzja investimenti li jnaqqsu l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni.

Fond għall-Innovazzjoni: Programm tal-UE li juża d-dħul mis-sistema għan-negozjar ta' emissjonijiet tal-UE biex jappoġġa teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

Ftehim ta' kummerċ ħieles: Ftehim bejn pajjiżi jew gruppi ta' pajjiżi (bħall-UE) biex jingħata aċċess preferenzjali għas-suq lil xulxin.

Il-Bank Ewropew tal-Investment: Bank tal-UE, li huwa proprjetà tal-Istati Membri, u li jipprovdi finanzjament għal proġetti b'appoġġ għall-politika tal-UE, prinċipalment fl-UE, iżda wkoll esternament.

Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi: Mekkaniżmu ta' appoġġ għall-investment li tnieda mill-BEI u mill-Kummissjoni, bħala parti mill-Pjan ta' Investment għall-Ewropa, biex jimmobilizza l-investment privat fi proġetti ta' importanza strateġika għall-UE.

Katina tal-valur tal-batteriji: Settur ekonomiku li jinkludi bosta stadji li jvarjaw mill-estrazzjoni u l-ipproċessar tal-materja prima, il-komponenti tal-batteriji, il-manifattura u l-assemblaġġ taċ-ċelluli, u r-riċiklaġġ tal-batteriji jew l-adattament tagħhom għal skop differenti. Għandha dimensjoni ċirkolari u tinvolvi atturi differenti.

Katina tal-valur: Sekwenza ta' attivitajiet li jitwettqu biex jipprovdu valur miżjud għal prodott, li jinkludu l-istadji varji tal-produzzjoni tiegħu, kif ukoll il-kummerċjalizzazzjoni, il-bejgħ, is-servizz u r-riċiklaġġ.

Komunità ta' konoxxenza u innovazzjoni. Sħubija ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġġla, organizzazzjonijiet ta' riċerka, kumpaniji u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess ta' innovazzjoni.

Kundizzjonijiet ekwivalenti: Sett ta' regoli u standards komuni li jipprevienu lin-negozji f'post wieħed milli jiksbu vantaġġ kompetittiv fuq dawk li joperaw f'postijiet oħra.

Newtralità klimatika: Sitwazzjoni li fiha l-attivitajiet tal-bniedem ma jirriżultaw fl-ebda effett nett fuq il-klima.

Orizzont 2020/Orizzont Ewropa: Il-programmi tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodi 2014-2020 u 2021-2027 rispettivament.

Pakkett ta' batteriji: Sett ta' żewġ batteriji interkonnessi jew aktar.

Politika industrijali: Sett ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw li jeżistu l-kundizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni. Il-politika industrijali xi drabi tissejjaħ ukoll strateġija industrijali.

Proġetti importanti ta' Interess Ewropew Komuni: Proġetti transfruntiera ta' innovazzjoni u infrastruttura mmexxija mill-Istati Membri li jistgħu jikkontribwixxu sinifikattivament għall-ksib tal-istrateġiji tal-UE, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Diġitali, filwaqt li jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi li huma ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-UE u ċ-ċittadini tagħha iġġenerali lil hinn mill-Istati Membri parteċipanti. L-appoġġ pubbliku mill-Istati Membri għall-proġetti u l-kumpaniji li jipparteċipaw taħt l-IPCEI, li jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat skont ir-regoli tal-UE, għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni għal valutazzjoni u approvazzjoni.

Setgħa li tlaqqa': L-abbiltà li tiġi katalizzata azzjoni kollettiva minn atturi rilevanti biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-iżvilupp globali u reġjonali.

Sħubija Ewropea koprogrammata: Sħubija stabbilita fuq il-bażi ta' *memorandum* ta' qbil bejn il-Kummissjoni u s-sħab privati u/jew pubbliċi, li jispeċifika l-oġettivi, l-impenji, l-indikaturi u r-riżultati tagħha li għandhom jitwasslu b'appoġġ għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE.

Tranżizzjoni diġitali: L-introduzzjoni tat-teknoloġija diġitali u l-informazzjoni diġitalizzata għall-proċessi u għall-kompiti.

Tranżizzjoni ekoloġika: Bidla lejn ekonomija fejn it-tkabbir ma jkunx għad-detriment tas-sostenibbiltà ambjentali u l-inklużjoni soċjali.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2023-15>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2023-15>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla II tal-Awditjar li tispċjalizza f'Investiment għall-koeżjoni, it-tekabbir u l-inklużjoni, u li hija mmexxija minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Eric Braucourt, Kap tal-Kabinett u Celil Ishik, Attaché tal-Kabinett; Valeria Rota u Niels-Erik Brokopp, Maniġers Prinċipali; Afonso de Castro Malheiro, Kap tal-Kompitu; Katarzyna Solarek, Francisco Carretero Llorente, Marcel Bode, Sabine Maur-Helmes u Markku Pottonen, Awdituri. Mark Smith u Tomasz Surdykowski pprovdew appoġġ lingwistiku. Agnese Balode pprovdiet appoġġ grafiku.



Mix-xellug għal-lemin: Agnese Balode, Celil Ishik, Tomasz Surdykowski, Afonso de Castro Malheiro, Francisco Carretero Llorente, Annemie Turtelboom, Eric Braucourt, Katarzyna Solarek, Sabine Maur-Helmes, Marcel Bode.

DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja [Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

Figuri 1 u 2 – Ikoni: Dawn il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn [Flaticon.com](#). © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għas-siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ tirrevedi l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

PDF	ISBN 978-92-849-0310-8	ISSN 1977-5741	doi: 10.2865/472603	QJ-AB-23-018-MT-N
HTML	ISBN 978-92-849-0297-2	ISSN 1977-5741	doi: 10.2865/044852	QJ-AB-23-018-MT-Q

Il-batteriji jippermettu t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u saru komponent ewlieni tal-kompetittività tas-settur tal-karozzi. Fl-2018, bħala parti mill-politika industrijali tal-UE, il-Kummissjoni ddeżinjat il-batteriji bħala imperattiv strateġiku għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tal-UE, u nediet pjan ta' azzjoni li kellu l-għan li lill-Ewropa jagħmilha mexxejja globali fil-produzzjoni u fl-użu sostenibbli tal-batteriji.

Il-valutazzjoni r-rilevanza ta' dak il-pjan, l-implimentazzjoni tiegħu, u r-risultati li nkisbu sa issa. Ikkonkludejna li l-Kummissjoni kienet effettiva fil-promozzjoni ta' politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji, minkejja nuqqasijiet fil-monitoraġġ, fil-koordinazzjoni u fl-immirar, kif ukoll il-fatt li l-aċċess għall-materja prima jibqa' sfida strateġika ewlenija. Nagħmlu rakkomandazzjonijiet lejn impetu strateġiku mġedded b'appoġġ għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors